MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Numru 349/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**Spettur Sandro Zarb**
**Spettur Mario Haber)**

**vs**

**ANTHONY MUSCAT**
**SIMON MUSCAT**
**LAWRENCE MUSCAT**
**TIMOTHY GAUCI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Muscat, ta’ 39 sena, bin John u Connie nee’ Montebello, imwieled Sliema nhar il-11 ta’ Gunju 1965, residenti

Winchester Court, Flt 1, Triq Santa Rita, B'Kara u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 332665 (M); u

Simon Muscat, ta' 36 sena, bin John u Connie nee' Montebello, imwieled Sliema nhar id-9 ta' Awissu 1968, residenti Jesen Flt 2, Triq Baskal Buhagiar, Mosta u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 408168 (M); u

Lawrence Muscat, ta' 35 sena, bin John u Connie nee' Montebello, imwieled Sliema nhar l-14 ta' Marzu 1970, residenti 37, Hopwood Lodge, Triq l-Gherien, Mosta u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 132970 (M); u

Timothy Gauci, ta' 28 sena, bin missier mhux maghruf u Carmen Gauci, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' Ottubru 1976, residenti 46, Mosta Road, Attard u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 480176 (M).

Billi huma akkuzati talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Marzu 2005 u l-jiem ta' qabel, bil-hsieb li jaghmlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta kif ukoll barra minn Malta, ikkonguraw f'dak is-sens ma persuna/i ohra meta l-ghadd ta' persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura kif imsemmi qabel kien ta' aktar minn tlieta;

U aktar talli fil-konfront ta' Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci, fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, bhala persuni li nizlu l-art jew imbarkaw f'Malta naqsu milli jkollhom passaport u jaghtu lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficcjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg.
Semghet provi.
Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.
Rat l-artikoli mibghuta mill- Avukat Generali fin- Nota ta' Rinviju tieghu datata

30 ta’ Marzu, 2009 u nnutat li l-imputati kollha m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill- Prosekuzzjoni u mid- Difiza.

Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tal-Ispettur Mario Haber li fis-Seduta tad-29 ta’ April, 2005,inter alia, qal: “Fil-11 ta’ Marzu ta’ din is-sena 2005 ghal xi t-tmienja neqsin ghoxrin ta’ filghaxija (7.40pm) jiena kont infurmat bhala Duty Officer ta’ l-Immigration illi f’Marsascala raw powerboat fil-bahar fid-direzzjoni ta’ St. Thomas Bay u probabbli kienet ser tintuza ghal xi vjagg tal-klandestini. Jiena bghatt unit tal-Mobile u bghatt anke lil tad-Distrett fuq il-post. Xi t-tmienja u nofs (8.30) l-pulizija tad-Distrett infurmawni li hdejn il-knisja ta’ Marsascala kien hemm vann Dodge bir-registrazzjoni KBB 598 u trailer ta’ xi tletin pied tul. Dan il-vann, din il-Jeep kienet registrata f’isem Josephine Gauci pero’ skond informazzjoni qalulna li din hija ta’ xi hadd Charlie li jibni l-power boats. Fil-fatt wara ikkonfermajna illi xi darba kienet tieghu imma giet mibjugha. Jiena hallejt pulizija ghassa hemmhekk imbaghad ghal xi l-hdax u nofs, jew nofs il-lejl (11.30 – 12.00) certu Anthony Muscat mar qrib dan it-trailer u l-Jeep u rawh ha jiftahha. Dan gie mwaqqaf mill-pulizija u meta stawsewh ta’ min hu l-vann hu qal li lanqas jaf ta’ min hu pero’ kien ser jiehdu b’imkien h’Attard. Dan gie arrestat u ngieb id-dEpot. Xi nofs siehga, jigifieri wara nofs il-lejl (12.00) ghan-nofs siegha (00.30am) intlemhet power boat diehla fil-bajja u x’hin kienu qisu xi mitt metru (100mtr) ‘il barra l-pulizija li kienu fuq il-moll xeghlu bhal seach light u dawn intlemhu, min kien fuq id-dghajsa jarmu xi haga fil-bahar, pero’ dawn baqghu dehlin u kellhom ordni biex jidhlu u d-dghajsa ttellghet il-bahar. Fuqha kien hemm tlett persuni (3), Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci. Dawn gew arrestati. Timmy flimkien mal-pulizija telghu ta’ Kandja biex tellghu d-dghajsa hemmhekk imbaghad wara ttiehed il-Headquarters tal-Pulizija u anke t-tnejn l-ohra ttiehdu. Fuq Simon Muscat kien hemm satellite mobile u kien hemm GPS ukoll u dawn ukoll ittiehdu d-Depot. Dawn dak il-hin ukoll bghatt unit tad-Drug Squad fejn

ficcew u anke telghu fid-dghajsa u anke marru fuq il-bahar biex jaraw jekk kienx hemm xi oggett f'wicc il-bahar pero' ma nstab xejn. L-ghada wkoll bghattna lil ta' l-AFM ta' l-iscuba diving, u anke ghoddsew pero' l-istesss kienet fin-negattiv."

Dawn l-erbgha min-nies gew mitkellma mill-pulizija fejn anke ttehditilhom stqarrija volontarja. F'dawn l-istqarrijiet nixtieq nghid illi meta kellimna lil Timmy, dan Timmy qalilna li f'xi s-sebgha ta' filghaxija (7pm), Timmy kien imqabbad minn zijuh Raymond Gauci biex itella' id-dghajsa li kellu Marsascala. Fil-fatt fis-sebgha ta' filghaxija (7pm) dan Timmy qat it-tlett ahwa Muscatijiet marru ghalih h'Attard id-dar biex imorru flimkien Marsascala halli jtellghu din id-dghajsa. Huwa qal illi Anthony tela' bil-karozza, karozza Vauxhall li ma jafx in-numru taghha. Huwa qal li din il-karozza kienet hamra u filwaqt li hu telaq ma Simon u Lawrence bil-vann Dodge u qal li saq hu. Dawn marru Wied il-Ghajn u hemmhekk iltaqghu ma Anthony. Dawn kif waslu B'Bugia telghu fuq id-dghajsa, Lawrence, Simon u Timmy, startjaw u hargu 'l barra jippruvawha din id-dghajsa. Huma qalu li Anthony ma kienx maghhom u qalulu lil Anthony biex huma u jkunu dehlin lura ser icemplulu biex iressaq il-vann u l-karru fl-islipway. Fil-fatt huma hargu 'l barra u ghamlu xi hin jippruvawha imbaghad dahlu lura.

Meta kellimna lil Simon Muscat dana tana verzjoni differenti. Dan qal illi telaq mid-dar ghal xi d-disgha neqsin kwart (8.45) wahdu biex imur jistad, nikkoregi, huwa qal li wasslitu l-mara tieghu. Wasslitu l-mara tieghu B'Bugia, hallietu hemmhekk, nefah id-dinghi tieghu u hareg biex jistad. Huwa qal illi hu hareg bil-qdif u qal illi hu qal li ser johrog 'il barra mas-sikka taz-Zonqor vicin il-fishfarm li hemm hemmhekk. Kif kien qieghed barra qal li rcieva telefonata biex imur Marsaxlokk halli jdawwru dd-dghajsa li kellho Marsaxlokk. Huwa qal li mar Marsaxlokk bil-qdif u hemmhekk sab il-power boat, sab lil huh Lawrence kif ukoll lil Timmy. Huma telghu fuq id-dghajsa, ghabba d-dinghi, hargu 'l barra, ghamlu xi hin jippruvaw din id-dghajsa barra imbaghad dahlu go Wied il-Ghajn. Huwa qal illi s-satellite mobile u l-GPS huma tieghu.

Meta kellimna lil Lawrence Muscat dan qal ukoll verzjoni differenti. Huwa qal illi huh Simon qallu biex imorru sa Birzebbugia jiehdu xi flixkun birra. Dawn fil-fatt marru hemmhekk u marru b'xi bar go Birzebbugia li ma jaf liema hu ma huh Simon u kienu qeghdin jiehdu flixkun birra hemmhekk. Wara ftit hin mar Timmy, iltaqa' maghhom u qaghad jixrob maghhom ukoll, imbaghad dan Timmy qalilhom biex jghinuh halli jdawwru d-dghajsa minn Marsaxlokk ghal Birzebbugia. Huma qalu li telqu minn hemmhekk xi l-hdax u kwart ta' filghaxija (11.15pm) u hargu 'l barra u ppruvaw daqsxejn id-dghajsa barra.

Anthony Muscat, dan qal illi huh Simon qallu biex jaghmillu pjacir u dan jigifieri biex itellaghlu l-karru u l-vann biex itellaghulu minn wied il-Ghajn ghal h'Attard. Dan qal illi kellu jaghmel dan ix-xoghol aktar kmieni matul il-gurnata pero' il-hin li sab biex jaghmlu dan kien wara d-disgha (9). Dan Anthony fil-fatt kien qalilna illi kif jiehu l-karu kien ser ihallih x'imkien h'Attard u meta staqsejtu x'se jaghmlu meta hutu bid-dghajsa ghax mhux ser isibu karru ghax kien ser jiehodulhom hu dan ma rrispondiex ghaliex kien ser jaghmel hekk.

Fil-fatt dawn il-persuni wara li ghaddielhom il-hin gew mitluqa u dawn regghu gew arrestati imbaghad fis-27 ta' Marzu. Dawn regghu gew mitkellma. Ahna rgejna gbarniehom dawn wara li l-Court Expter Martin Bajada tana nformazzjoni ta' x'kien sab fil-GPS. Dan ifisser li l-informazzjoni li tana l-Court Expert hija li fil-GPs immarka vjagg li telaq minn Wied il-Ghajn, mar Sqallija Marzanemi fil-post ezatt fejn l-awtoritajiet Taljani infurmawna li sabu l-klandestini u l-vjagg rega' gie lura Malta. Qalilna wkoll li dan il-vjagg meta wasal Malta il-GPS ma giex mitfi u baqa' jimmarka r-rotta li hadu sad-Depot, minghajr interruzzjoni ta' xejn, mhux zewg vjaggi jigifieri , minn Marzanemi u lura u minn Wied il-Ghajn sad-Depot. Il-vjagg huwa wiehed kontienwu minghajr qtugh sad-Depot. Dawn gew mitkellma. Timmy Gauci qal li ma kienx jaf li kien hemm GPS u lanqas li kien hemm satellite mobile. L-istess Lawrence Muscat qal li l-GPS mhux tieghu u ma rahx u ma jafx jekk cemplux minn fuq dan is-satellite mobile

ukoll. Anthony Gauci, l-istess dak ma kienx jaf, huwa qal li mhux tieghu l-GPs, fil-fatt Anthony ma kienx maghhom fuq id-dghajsa. Meta kellimna lil Simon dan ikkonferma li s-satellite mobile u l-GPS huma tieghu. Dan meta bdejt nistaqsih ghalxiex dakinhar hu hadu mieghu huwa qal illi ried ifittex xi sikek biex jistad bih. Jiena staqsejtu .... Hawnhekk nixtieq naghmel korrezzjoni li jekk semmejt Anthony Gauci nixtieq inbiddilha ghal Anthony Muscat. Meta staqsejtu jekk dan qattx uzah il-GPS hu qalli li gieli uzah hawn Malta bil-karozza biex jippruvaw pero' dan qalli li qatt ma mar Sqallija bih, qatt ma siefer bih. Meta staqsejtu jekk qatt ghamel xi vjagg minn Wied il-Ghajn ghal Furjana, huwa qalli li qatt ma ghamel dan il-vjagg, imbaghad meta jiena ghidtlu illi fuq il-GPs hemm immarkat il-vjagg li ghamel, u spjegajtlu wkoll kif spjegjajt lill-Qorti li ma kienx hemm interruzzjonijiet vjagg wiehed sad-Depot, u anke urejtu fuq mappa b'subghajja x'kien il-vjagg, dan il-kumplament ta' l-istatement ghazel li ma jwegibx iktar. Dan b'referenza ghal Simon Muscat li stqarr illi l-GPS u s-satellite mobile huma tieghu."

"......................................................................................................................"

"Il-vettura u d-dghajsa bhalissa qeghdin Ta' Kandja, l-SAG. Sarulhom xi testijiet forensici fuqhom ukoll u ghandhom isirulhom xi testijiet ohra mill-ispter Daniel Grima. Mistoqsi jekk kellniex komunikazzjoni minn awtoritajiet barranin nghid iva l-awtoritajiet Taljani infurmawna illi kif ghidt qabel illi f'dak il-lejl bejn il-11 u t-2 ta' Marzu ta' din is-sena 2005, instabu xi persuni ta' nazzjonalita' Ciniza, hamsa u ghoxrin (25) ruh u nstabu go Marzanemi, ezatti fil-post il-GPS immarka li allegatament dan il-vjagg mar hemmhekk. L-awtoritajiet Taljani infurmawna li bejn il-lejl tal-11 u t-12 ta' Marzu ta' din is-sena. Fil-fatt minn wara dik id-data l-awtoritajiet Taljani baghtu lura Malta grupp, baghtu zewg gruppi imma ghal dan il-kaz baghtu l-grupp li nstabu bejn il-11 u t-12 ta' Marzu ta' din is-sena gewwa Marzanemi. Baghtuhom lura u jinsabu hawn Malta taht il-kustodja tal-pulizija." (Sottolinjar tal- Qorti)

In kontro ezami, l-istess xhur, fl-istess Seduta, inter alia, qal: "Gejt mistoqsi mill-avukat difensur jekk dan il-GPS

huwiex fiss jew le mad-dghajsa, jekk jistax jittiehed fl-idejn. Fil-fatt nikkonferma, iva, illi dan il-GPS mhux imwahhal mad-dghajsa, dan huwa, tista' iggorru bhal mobile f'idejk. Fil-fatt dan Simon kien qal li hadu mieghu dakinhar u kien il-hin kollu mieghu, kemm meta hareg u kemm sussegewentement sakemm instab mill-pulizija wkoll. Gjet mistoqsi jekk Simon hux l-istess persuna li qalli li kien f'dghajsa ohra. Iva Simon kien qalli li hareg bid-dinghi tieghu minn Birzebbugia, qal li kien sejjer jistad, imabghad irceiva telefonata minn huh u mar Marsaxlokk biex jiltaqa mieghu halli jdawwru d-dghajsa ghal Wied il-Ghajn."
"......................................................................." "Gejt mistoqsi meta GPS ghadda f'idejn il-pulizija, jiena nixtieq nghid illi dan il-GPS ghadda f'idejn il-pulizija go Wied il-Ghajn meta gew arrestati pero' l-GPS ma giex mitfi. Ma giex mitfi mhux ghax kienu jafu biex ma jiftuhx. Ma giex mitfi, b'kumbinazzjoni dan il-GPS ma giex mitfi. Mistoqsi mill-avukat difensur jekk il-GPS ma kienx fil-kustodja ta' l-imputat jiena nixtieq nghid illi ghalkemm il-GPS ma kienx qed izommu l-imputat pero' l-imputat kien arrestat mal-pulizija u flimkien gew, il-GPS, l-imputat u l-pulizija li kien qed jeskortah dak il-hin minn Wied il-Ghajn sad-Depot il-Floriana dawn waslu flimkien. Gejt mistoqsi jekk saritx tfittxija fuq l-imputat ghal GPS u ghand min ghadda, minn hawn nixtieq nghid illi Wied il-Ghajn kien hemm is-Surgent 1210 illi dan ghalkemm jien ma kontx prezenti ghamel tfittxija u hadu certu affarijiet bhal GPS, mobiles. Mistoqsi jekk jien kont prezenti Marsascala nghid li le, jiena ma kont prezenti Marsascala pero' kont qed nigi nfurmat il-hin kollu fl-affarijiet li kienu qed isiru." "............................................" " Gejt mistoqsi jekk meta arrestajt lill-persuni ghidtilhomx fuqhiex kienu arrestati, jien nghid iva, jien ghidtilhom ovvjament anke mid-domandi li konna naghmlu, jindika peor' qabel ma bdejna ghidtilhom iva fuq xiex huma arrestati. Gejt mistoqsi jekk kienx hemm mobile phones, jiena nghid iva, l-imputati kollha kellhom mobile phone fuqhom, kien hemm GPS u kien hemm satellite mobile ukoll. " (Sottolinjar tal- Qorti)

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall- brani midd-deposizzjoni ta Shi Chengyong li fis-Seduta tad-29

ta’ April 2005,inter alia,qal: “Jiena wasalt Malta fil-5 ta’ Frar ta’ din is-sena.” “........................................ “ Jiena mbaghad kont qieghed hdejn ix-xatt u kienu gew Matlin fuqi u jghiduli jekk jiena ridtx immur Sqallija. Nghid illi dan ix-xatt qieghed sitwat fejn hemm swimming pool hdejn San Giljan. Nghid illi dan kien persuna wahda u dan nghid il-wiehed li gie fuqi nahseb li hu Malti. Dan lili tani n-numru tal-mobile tieghu biex jekk jiena ridt immur lejn Sqallija incempillu. Jien dan in-numru ktibtu fuq idi u nghid ukoll li semmieli li in kwantu ghal Visa biex jien ma ngeddidiex. Nghid illi imbaghad ahna bdejna nitkellmu fuq flus u jiena staqsejtu kemm trid. Dan qalli li in kwantu ghal flush u ried ghoxrin (20) slips tal-US dollars li jigu ghal elfejn dollaru Amerikan ($2000).” “ Nghid illi jiena kien minghalija li ahna konna sejrin fl-1 ta’ Marzu pero’ fil-fatt ahna tlaqna fil-11 ta’ Marzu ta’ din is-sena. F’danil-perjodu li kont ghadni Malta jiena kont gejt mizmum maghluq gewwa flat. Nghid illi ahna tlaqna minn Malta bil-lejl. Nghid illi ahna wasalna bil-karozza fil-vicin tal-bajja. Ix-xufier beda jghidilna biex inhaffu, inhaffu halli mmorru hemm fuq il-bajjaa u jien u sejjer nghid illi waqajt. Nghid illi jiena ergajt qomt fuq saqajja. Ersaqt lejn ix-xatt, qbizt ghal god-dghajsa u ergajt waqajt. Nghid illi jien u naqbez ghal god-dghajsa ghal naqra ma waqajtx fil-bahar ghaliex id-dghajsa kienet tizloq. Nghid illi jien imbaghad biex dhalt ghal gewwa d-dghajsa dhalt minn go toqba tad-dghajsa. Nghid illi jiena dhalt ghal gewwa tad-dghajsa minn parti ta’ quddiem tad-dghajsa. Nghid illi din it-toqba f’din id-dghajsa kienet vicin il-parti fejn jiena qbizt ghal fuq id-dghajsa. Nghid illi jiena ma nafx jekk kienx hemm toqob ohra barra dik li jiena dhalt minnha. Ma tajtx kaz jekk din it-toqba kelliex bieba jew le. Jiena meta nnutajtha ma kenitx mghottija.” “....................................................................”

“Nghid illi fuq din id-dghajsa gewwa kien hemm seating. Nghid illi jien wara li kont gejt lura minn Sqallija jien f’Malta il-pulizija Maltija kienu urrewni dghajsa li tixbah ahfna d-dghajsa li jien kont mort biha Sqallija. Nixtieq inzid nghid illi meta l-pulizja haduni biex jien imbaghad rajt din id-dghajsa nghid illi ma din id-dghajsa kien hemm dghajjes ohra hemmhekk. Jiena il-pulizija urewni zewg dghajjes. Nghid illi jien minn dawn iz-zewg dghajjes li urewni l-

pulizija, f’wahda minnhom dhalt. Nghid illi din id-dghajsa li jien dhalt fiha kienet tixbah hafna d-dghajsa li mort biha Sqallija. Nghid illi meta konna sejrin minn dghajsa dawn il-persuni kienu kollha mghammda u ghalhekk ma nistax nghid precizament jekk kienux nisa u rgiel. Nahseb li kienu rgiel. Nghid illi jien u sejjer bil-karozza biex mmorru ghal din id-dghajsa jiena hallast il-flus lix-xufier. Jien dan tajtu elfejn dollaru Amerikan ($2000). Nghid illi jien matul il-vjagg minn god-dghajsa ghal Sqallija kont qieghed x’imkien lejn il-parti ta’ quddiem tad-dghajsa. Nghid illi jien bdejt inhossni mhux tajjeb ghax bdejt inhoss taqlib minhabba l-bahar. Id-dghajsa bdiet miexja bi speed qawwi hafna u jien bdjet inhossni mqalla’. Nghid illi god-dghajsa dan il-vjagg kien hemm iktar minn ghoxrin (20) Ciniz fiha. Nghid illi dawn ic-Cinizi kien hemm rgiel u kien hemm ukoll nisa Cinizi pero’ ma kienx hemm tfal pero’ nixtieq nghid illi jiena sirt naf wara li nqbadna illi kellna n-nisa maghna u dan wara li kienu qabduna l-pulizija Taljana. Nghid illi mill-erbgha sal-hamsa ta’ fil-ghodu tat-12 ta’ Marzu ta’ din is-sena imbaghad gejt maqbud mill-pulizija. Nghid illi meta issa ngibt lura Malta minn Sqallija l-pulizija ta’ l-imigrazzjoni lili tatni n-numru bhala numru 22.” (Sottolinjar tal- Qorti)

In kontro ezami fl-istess xhud, fl-istess Seduta, qal: “Nghid illi jiena mal-persuna ghamlet kuntatt mieghi meta qaltli ridtx immur Sqallija dwarha diga xhedt jiena maghha kont tkellimt bil-lingwa Ingliza. Nghid illi meta kont qieghed Ta’ Kandja u kien hemm il-pulizija fejn konna, fejn kien hemm id-dghajjes kien l-Ispettur Chris Pullicino li lili ndikali d-dghajsa biex jien nidhol fiha u naraha. Nghid illi l-Ispettur Pullicino lili qalli wkoll biex nidhol go dghajsa ohra biex naraha minn gewwa. Nghid jien fit-tieni dghajsa ma riedtx nidhol. Nghid illi wahda ma xtaqtx nidhol fiha u t-tieni ghaliex din id-dghajsa kienet hafna differenti mid-dghajsa li jien kont mort biha Sqallija. Kemm kien hemm dghajjes f’Ta’ Kandja ma niftakarx ezatt pero’ nghid illi zgur li meta wasalt rajt yacht kbir hafna hemmhekk. Fil-memorja tieghi l-iktar li niftakar nghid li kien hemm tlett dghajjes. Jiena tlajt god-dghajsa minn jeddi. Nghid pero’ li kien l-Ispettur Pullicino illi lili indirizzati lejn din id-dghajsa li dhalt fiha. Nghid illi t-tlett dghajjes kienu differenti minn xulxin. Meta

morna Sqallija kien id-dlam. Nghid jien fuq id-dghajsa tlett irgiel rajt li kienu b'wicchom mghammad. Qed jigi suggerit lili mill-avukat difensur jekk kentix ghal habta ta' nofs il-lejl illi ahna wasalna Sqallija nghid li m'inix f'posizzjoni li nghid il-hin li wasalna." (Sottolinjar tal- Qorti)

Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghall- brani mid-depozizzjoni ta' Wang Shengmin li fis-Seduta tad-29 ta' April, 2005, inter alia, qal: "Nghid illi jiena ricentement intbghatt lura mis-Sicilia lejn Malta. Nghid illi jine mort lejn Sqallija minn Malta b'dghajsa. Nghid illi biex jien immur bid-dghajsa minn Malta ghal Sqallija jien hallast il-flus. Jien hallast elfejn dollari Amerikani ($2000). Nghid jien dawn il-flus hallasthom lil wiehed ragel li jghix f'Malta. Nghid illi jiena ma nafx x'jismu. Nghid illi jien kont miexi tas-Sliema fi triq u waqqfitni persuna. Nghid illi din il-persuna lili staqsietni jekk ridtx immur Sqallija u jiena accettajt. Nghid illi jiena lil din il-persuna kont tajtha n-numru tal-mobile tieghi u kien cempilli hu. Nghid illi fil-fatt dan kien cempilli xi ftit jiem wara u qalli li xi jiem wara kellna nitilqu minn Malta. Nghid illi mbaghad dan ir-ragel kien gie b'karozza u hadni hdejn id-dghajsa. Nghid illi kien lejn nofs ix-xahar ta' Marzu ta' din is-sena illi dan ir-ragel lili kien hadni b'din il-karozza u dan kien bil-lejl imbaghad dhlana god-dghajsa. Nghid illi din il-karozza li wassalni dan ir-ragel biha ghal hdejn id-dghajsa keinet ta' kulur abjad. F'din il-karozza kien hemm ghaxar min-nies fiha. Ma niftakarx kemm nies illi kienu go din il-karozza imbaghad spiccaw gewwa d-dghajsa ghaliex nghid illi kien bil-lejl u kien id-dlam. Nghid illi meta ahna wasalna max-xatt id-dghajsa resqet vicin iktar taghna u jien qbizt fuq id-dghajsa. Nghid illi jiena meta qbizt fid-dghajsa sibt l-ispazju fejn sibt, fejn sibt fejn noqghod bil-qeghda. Jiena dhalt gewwa d-dghajsa minn go toqba. Nghid illi jien ghaddjet god-dghajsa minn go toqba. Nghid illi din it-toqba ma kellha l-ebda ghatu fuqha. Nghid illi fuq din id-dghajsa kien hemm zewg toqob u nghid illi kienu kwadri. Jien f'dan il-vjagg kont qieghed gewwa d-dghajsa. Nghid dan il-vjagg dam iktar minn siegha. Nghid bhala passiggieri kien hemm iktar minn ghaxra, u jidhirli pero' inqas minn ghoxrin pero' mhux cert. Nghid illi jien meta dhalt fid-dghajsa ma kontx naf in-nazzjonalita' ta' l-ohrajn

ghax ma kontx nafhom. Nghid kienu ltett persuni li kellhom kontroll ta' din id-dghajsa. Nghid illi jien mhux f'posizzjoni li naghraf dawn il-persuni. Ngihd illi dawn kienu t-tlieta rgiel pero' dawn kellhom wicchom mghammad u ghalhekk ma stajtx nara wicchom. Meta wasalna l-Italja ahna tlaqna d-dghajsa. Nghid illi ahna wasalna Sqallija ghal habta ta' l-ghaxra ta' filghaxia (10pm). Nghid illi meta jien kont l-Italja kienu qabduni l-pulizija Taljana." "....................................." " Nghid illi meta jiena ingibt lura Malta minn Sqallija l-pulizija Maltija lili kienet haditni biex turini zewg dghajjes. B'kollox kien hemm tlett (3) dghajjes. Qed nigi mistoqsi jekk niftakarx li kien hemm dghajjes ohrajn minbarra dawn it-tlieta nghid li ma niftakarx. Nghid illi minn dawn id-dghajjes, wahda nghid illi hija kbira hafna u l-ohra izghar u t-tieleta wahda li niftakar kienet dik li kienet ta' kulur abjad. Jiena dhalt f'wadha minn dawn id-dghajjes. Jiena dhalt fid-dghajsa li fiha zewg toqob. Din id-dghajsa fiha ftit ahmar u ftit iswed. Din id-dghajsa tixbah id-dghajsa li biha kont mort Sqallija." (Sottolinjar tal- Qorti)

In kontro ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qal: "Nghid bhala d-data li jien morna Sqallija jiena m'inix cert jekk kenitx il-11 jew it-12 ta' Marzu tas-sena 2005. Nghid illi in kwantu ghad-dghajsa li haditni Sqallija kien id-dlam u ma stajtx naghraf il-kulur taghha. Nghid illi d-dghajsa li jien dhalt fiha meta kienu urewni l-pulizija d-dghajsa kienet differenti mid-dghajjes l-ohra li kien hemm. Nghid illi kienet il-persuna Maltija li qaltli biex nidhol fid-dghajsa. Nghid illi dan kien pulizija. Fil-fatt nghid illi qieghed naghrfu hawnhekk bhala l-Ispettur prezenti fl-Awla li qed nigi informat li huwa l-Ispettur Sandro Zarb. L-Ispettur Zarb qalli biex jien nidhol go din id-dghajsa. Nghid illi l-Ispettur Zarb ma qallix biex nidhol go dghajsa ohra. Qed jigi suggerit lili mill-Avukat Difensur jekk hux minnu li ahna fil-fatt wasalna Sqallija fis-siegha ta' fil-ghodu (1am) nghid li le. Nghid illi l-vjagg dam izjed minn siegha. Nghiid illi tlaqna minn Malta madwar it-tmienja ta' filghaxija (8pm). Jien kelli l-arlogg fuqi. Nghid illi lili l-Ispettur Zarb kien staqsieni meta urieni d-dghajjes dwar id-dghajsa kien staqsieni jekk kentix tibxah id-dghajsa li kont mort biha jien Sqallija." " Nghid illi jien lill-pulizija Maltija ddecidejt li

nkellimha mill-ewwel. Nghid illi jien kienet fit-tieni okkazjoni li l-pulizija haduni nara d-dghajsa. Ma nafx d-data ta' meta haduni l-pulizija nara d-dghajsa. Nghid illi bejn l-ewwel darba li l-pulizija Maltijan kellmuni u t-tieni darba li l-pulizija kellmuni ghaddew madwar, ghaddew bejn jumejn sa tlett ijiem (2 – 3). Nghid illi l-pulizija meta haduni biex nara d-dghajsa haduni direttament biex immur nara din id-dghajsa. Nghid ili qed jigi suggerit lili mill-avukat difensur li la kienu l-11 u lanqas it-12 ta' Marzu ta' din is-sena li jiena mort Sqallija bid-dghajsa nghid illi jien nikkonferma li kienet jew il-11 jew it-12 ta' Marzu ta' din is-sena li mort Sqallija bid-dghajsa. Ma nafx il-gurnata x'kienet bhala gurnata meta kont mort Sqallija bid-dghajsa. Nghid illi llum hija l-Gimgha. Ma nafx id-data tax-xahar illum x'inhi. Nghid illi jien naf illi l-gurnata kienet jew il-11 jew it-12 ta' Marzu ta' din is-sena ghaliex meta kont qieghed l-Italja l-pulizija kienu urewni karti li d-data fuqha kienet it-12 ta' Marzu 2005. Nghid illi jiena meta mort Sqallija bid-dghajsa d-dokumentazzjoni fuqi ma kellix u lanqas affarijiet ma kelli li ngorr mieghi li hadthom mieghi. Nghid illi meta gejt Malta l-ewwel darba kelli dokumentazzjoni. Nghid illi jiena meta gejt Malta kelli mieghi l-passaport u dokumenti ta' l-iskola u nghid li dawn tlifthom." (Sottolinjar tal- Qorti)

Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghall- brani mid-deposizzjoni ta' Lin Changming li fis-Seduta tad-29 ta' April 2005, inter alia, qal: "Nghid illi jien kif ingibt lura issa minn Sqallija Malta inghatajt mill-pulizija ta' l-Immigrazzjoni n-numru 031. Nghid illi jien mort minn Malta ghal Italja b'dghajsas u nghid illi wara jien inbghatt lura mill-Italja lejn Malta. Nghid illi kien il-11 ta' Marzu ta' din is-sena, 2005 illi jien mort lejn Sqallija b'dghajsa minn Malta. Nghid illi kien wiehed Malti li rrangali biex jien inkun nista' immur bid-dghajsa lejn Sqallija. Nghid illi jien lil dan il-Malti hallasu elfejn Euros biex jien dan jirrangali biex immur bid-dghajsa ghal Sqallija. Nghid illi ma dan il-Malti iltqajt mieghu meta kont qieghed hdejn il-bahar tas-Sliema. Nghid illi dan ir-ragel lili kien gie fuqi meta jien kont qieghed tas-Sliema u staqsieni jekk jiena ridtx immur lejn Sqallija. Jien imbaghad tajtu l-mobile number tieghi, nghid illi dan in-numru tal-mobile li kelli kien 99 u jidhirli 4

u xi numri ohrajn u li l-bqija ma niftakarx. Nghid illi wara xi ghaxart ijiem cempilli dan il-Malti u mbaghad kien rega' cempilli darb'ohra wara. Nghid illi jien u dan il-Malti konna nikkomunikaw b'Ingliz semplici. Nghid illi dan il-Malti lili fuq it-telefon kien qalli li kien hemm cans li ahna ser nitilqu lejn Sqallija vicin u biex jien nipprepara l-flus. Nghid illi din kienet l-ewwel okkazjoni, fit-tieni okkazjoni rega' cempilli u qalli biex niltaqghu hdejn is-Sliema Park u jiena mort hemmhekk u giet tigborni karozza. Jiena il-karozza kienet vann ta' kulur abjad. Nghid illi dan ir-ragel li jien kont iltqajt mieghu tas-Sliema u kien cempilli ma kienx prezenti fuq il-vann. Nixtieq hawnhekk naghmel spjegazzjoni illi jien il-flus tajthom lil dak ir-ragel illi lili kien iltaqa' mieghi l-ewwel darba pero' dan ir-ragel fil-vann ma dahalx dakinhar, fil-vann l-abjad. Fil-fatt l-affarijiet graw, li jiena mort fuq il-post, iltqajt ma dak ir-ragel il kont l-ewwel darba kellimni tas-Sliema tajtu l-flus, imbaghad gie l-vann. Imbaghad dhalt fil-vann u tlaqna. Nghid illi imbaghad bil-vann morna postijiet ohra few gew migbura nies ohrajn. Dawn in-nies l-ohra kienu Cinizi. Imbaghad morna hdejn il-bahar, u kif wasalna hdejn il-bahar qalulna biex nitilghu fuq id-dghajsa. Nghid ahna bhala persuni li tlajna fuq id-dghajsa konna iktar minn ghoxrin. Nghid illi kif id-dghajsa resqet max-xatt ahna qbizna fuq id-dghajsa. Nghid illi jien matul dan il-vjagg qghadt fuq il-parti ta' fuq tad-dghajsa, jien ma dhaltx gewwa d-dghajsa. Nghid illi xi whud mic-Cinizi li telghu fuq id-dghajsa poggew bil-qeghda hdejja filwaqt li ohrajn nahseb li nizlu isfel fid-dghajsa. Jiena ma qghadx naghti kas x'kienu l-kuluri tad-dghajsa." "..................................." " Nghid illi l-muturi kienu qeghdin warajja u jidhirli imma m'inix cert li kien hemm tlett muturi. Nghid illi jien ma kellix arlogg imma nikkalkulal illi kien minn siegha sa saghtejn kemm dam dan il-vjagg bejn Malta u Sqallija. Kien hemm tlett persuni li kienu qeghdin imexxu d-dghajsa, dawn kienu irgiel. Nghid illi ghalkemm m'osservajtx daqshekk attentament jidhirli li huma bazikament kienu lebsin kollha l-iswed. Nghid illi jien meta tlajt fuq id-dghajsa ma haristx lejhom allura m'inix cert jekk dawn ezattament kienu lebsin xi haga f'wicchom. Nghid illi dawn kienu lebsin qishom speci ta' kappell f'rashom u dan baqa' niezel ghal matul xagharhom fuq wara u ghalhekk ma stajtx nara. Nghid illi

jidhirli li t-tlieta li huma kienu hekk, ghalhekk ma stajtx nara ezattament xagharhom ukoll." "..................................". " Nghid illi l-pulizija lili kienu haduni biex nara serje ta' dghajjes u nghid li rajt, qaluli biex naraw u kien hemm bejn tlieta u erba' dghajjes. Nghid illi wahda mid-dghajjes li kien hemm illi urewni l-pulizija kienet tixbah id-dghajsa li mort biha Sqallija. Nghid illi fuq domanda li qed issirli nghid illi jien innutajt xi haga partikolari fuq din id-dghajsa meta matul il-vjagg bejn Malta u Sqallija nghid illi ma nnutajt xejn partikolari." (Sottolinjar tal- Qorti)

In kontro ezami, l-istess xhud fl-istess Seduta,inter alia, qal: "Nghid illi jiena l-Italja, meta wasalt Sqallija gejt arrestat. Nghid illi jidhirli li jien gejt arrestat fit-12 ta' Marzu 2005 filghodu. Nghid illi ijen gejt l-ewwel darba Malta f'Dicembru tas-sena 2004 pero' d-data esatt ma niftakariex. Nghid illi wasalt Malta jien kelli passaport. Nghid illi llum m'ghandix passaport jew dokumenti. Nghid illi jien hallejt il-passaport tieghi fuq ix-xatt qabel ma rkibt id-dghajsa li biha mort minn Malta ghal Sqallija. Nghid illi n-nies li kienu qed imexxu d-dghajsa li haditni minn Malta ghal Sqallija qalulna biex ma jkollna l-ebda passaport jew ikollna bagalji." "..........................................." " Nghid illi meta l-pulizija haduna naraw id-dghajjes kien hemm iktar minn dghajsa wahda pero' jien f'dghajsa wahda dhalt. Nghid illi kien l-Ispettur Sandro Zarb li lili qalli biex nidhol go din id-dghajsa ha nara gewwa. L-Ispettur Sandro Zarb ma qallix biex nidhol gewwa xi dghajsa ohra. L-Ispettur Sandro Zarb qalli biex jien nitla fuq din id-dghajsa. Nghid illi bhala dghajjes fuq il-post kien hemm madwar tlieta jew erba' dghajjes. Nghid illi hdejn din id-dghajsa u cioe' maghha ma din id-dghajsa vicin taghha ma kienx hemm dghajsa li qeghda prezenti ohra preciz ma din id-dghajsa li jien tlajt fiha. Nghid illi din id-dghajsa ma kenitx qeghda wehidha. Kien hemm dghajjes ohrajn ukoll hemmhek. Nghid illi dawn id-dghajjes li kien hemm ma kienux l-istess. Jiena twelidt fl-1983. Nghid illi jien ghandi 22 sena. Jien twelidt fis-6 ta' Lulju." (Sottolinjar tal- Qorti)

Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghall- brani midd-depozizzjoni ta’ Wang Zhou li fis-Seduta tat-2 ta’ Mejju, 2005, inter alia, qal: “Nghid jien kont mort l-Italja minn Malta ghall-Italja b’dghajsa. Nghid illi kienu jew il-11 jew it-12 ta’ Marzu ta’ din is-sena illi jien mort bd’in id-dghajsa minn Malta ghal Sqallija. Nghid illi jien kont gejt introdott minn Cinizi ohra biex jien inkun nista’ naqbad din id-dghajsa halli mmur l-Italja. Jien ma ghamilt l-ebda kuntatti ma Maltin. Nghid illi jien hallast Ciniz biex naghmel dan il-vjagg. Jien lil dan ic-Ciniz hallastu elf Dollari Amerikani ($2000). Dan ic-Ciniz kien ragel.” “................................” “Nghid illi jien kont iltqajt ma dan ic-Ciniz hdejn il-bahar San Giljan u nzid nghid ukoll illi jien dan ic-Ciniz kont hallastu xi erba’jew hamest ijiem wara l-ewwel telefonata li dan ic-Ciniz kien ghamilli. Nghid illi jien kont ilni nghix Malta ghal xi xahrejn u jien kont nghix f’post bejn San Giljan u tas-Sliema. Nghid illi dakinhar li hajjena Malta, hallejna Malta bejn it-tmienja u d-disgha ta’ filghaxija (8pm – 9pm). Nghid illi dakinhar li jien tlaqt minn Malta kien cempilli Ciniz u qalli li konna ser nitilqu dakinhar stess. Dan lili kien qalli dan ic-Ciniz fuq it-telefonata biex jien nipprepara ruhi u hu kien ser jghidli iktar tard meta kienu ser ikunu lesti biex nitilqu. Huwa rega’ cempilli qrib is-sebgha ta’ filghaxija (7pm) fejn dan infurmani li kien gej Malti ghalija biex jigborni. Nghid illi jien inzilt isfel u nnutajt li kien hemm vann ta’ kulur abjad li fih kien hemm xi Cinizi ohrajn.” “ ...................................” . “Nghid illi x-xufier tal-vann kien wiehed Malti. Nghid illi dan ix-xufier Malti tal-vann wassalna hdejn il-bahar, imbaghad rajna id-dghajsa toqrob lejna, imbaghad ahna qbizna fuq id-dghajsa. Nghid illi jien mort fuq id-dghajsa bejn it-tmienja u d-disgha ta’ filghaxija (8pm – 9pm). In kwantu ghal kulur tad-dghajsa nghid kien id-dlam u ma nistax nghid fil-preciz, jidhirli li kien ta’ kulur skur, xi iswed jew kulur simili. Nghid illi kien hemm Malti li beda jghinna biex naqbzu ghal fuq id-dghajsa, imbaghad kien hemm Malti iehor li kien jaqbadna kif ahna nkunu qbizna minn fuq id-dghajsa. Imbaghad ahna inzilna gewwa fid-dghajsa. Nghid illi ahna imbaghad ghaddejna minn toqba li kienet kwadra w inzilna isfel. Nghid illi jien meta inzilt isfel fid-dghajsa imxejt lejn nofs id-dghajsa u qghadt bil-qeghda. Jien qghadt bil-qeghda fuq seat fid-dghajsa. Il-vjagg dam qisu

iktar minn siegha. Nghid illi fuq id-dghajsa kien hemm zewg toqob. Nghid illi biex jien inzilt minn go din it-toqba ghal gewwa tad-dghajsa ma kellix ghalfejn niftah bibien biex ninzel. Jien ma stajtx nara jekk din it-toqba kelliex xi bieba jew le." "............................" " Nghid illi jien ma nafx kemm kien hemm nies imexxu din id-dghajsa, jien rajt tnejn minnhom. Nghid dawn kellhom wicchom mghotti u ghalhekk wiehed ma setax jarah u kienu lebsin, wicchom kien mghotti u kien ta' kulur iswed u nghid fis-sens illi kienu lebsin, dawn kienu hooded pero` kien ta' kulur iswed u l-bqija tal-kulur tal-hwejjeg kien ta' kulur skur u nghid illi dawn kienu lebsin ta' materjal waterproof. "......................................................" "Nghid illi jien domt arrestat l-Italja qisu xi xahar u jum, jew xahar u jumejn. Nghid illi imbaghad minn hemmhekk baghtuna hawn Malta. Nghid hawn Malta gejt interrogat mill-pulizija Maltija. Nghid illi l-pulizija Maltija imbaghad haduni nara minn tlieta sa erba' (3 – 4) dghajjes. Nghid illi jien l-erba' dghajjes mort nara. Nghid illi jien pero` dhalt go dghajsa wahda biss minnhom. Dawn id-dghajjes kienu vicin hafna ta' xulxin. Nghid illi din id-dghajsa li dhalt fiha innutajt illi gewwa s-seats kien jixbah hafna d-dghajsa li jien kont fiha li jien kont mort Sqallija. Nghid illi fuq din id-dghajsa kont innutajt li kien hemm il-kulur abajd, u kien hemm kuluri ohrajn. Nghid illi biex jien dhalt go din id-dghajsa ghaddejt minn go toqba u jien din it-toqba kienet miftuha u kienet ta' shape kwadru." (Sottolinjar tal- Qorti)

In kontro ezami, l-istess xhud, fl-istess Seduta, inter alia, qal: "..................................................". "Nghid illi in kwantu ghad-data ta' meta jien kont gejt Malta l-ewwel darba ma niftakarhiex. Jidhirli illi d-data li gejt Malta kienet it-13 ta' Jannar ta' din is-sena. Nixtieq hawnhekk naghmel spjegazzjoni illi d-domanda li saritli mit-translator kienet illi in kwantu x'niftakar meta gejt l-ewwel darba f'Malta. Effettivament jiena fhimtha dwar x'niftakar dakinhar l-ewwel darba li gejt f'Malta. In kwantu d-data jien nafha u hija din li semmejt issa. Nghid illi jien ingibt lura Malta jew fl-14 jew fil-15 ta' April ta' din is-sena. " (Sottolinjar tal- Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghal brani mill-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami ta' Wang Zhou li fis-Seduta tat-2 ta' Mejju 2005, inter alia, qal: "..................". " Nghid illi jien wasalt ghal konkluzjoni li dawn li kienu qed imexxu d-dghajsa kienu lebsin waterproof vest ghaliex nghid kemm dakl I gheni biex naqbez mill-art ghal fuq id-dghajsa u dka li laqghani ghal fuq id-dghajsa t-tnejn kienu lebsin materjal li kien juri li dawn kienu waterproof vests. Nghid mistoqsi liema kienet bhala gurnata mill-gimgha li jien mort l-Italja nghid ma nafx. Id-data kienet kif diga` ghidt jew il-11 jew it-12 ta' Marzu ta' din is-sena." "....................................." "Nghid illi l-pulizija urewni d-dghajjes imbaghad, il-pulizija nghid li staqsewni jekk minn dawn id-dghajjes li kien hemm kienx hemm wahda li kienet tixbah id-dghajsa li jien mort biha Sqallija. Nghid illi imbaghad jien rajt li wahda mid-dghajjes minn barra kienet tixbah id-dghajsa li mort biha Sqallija u allura l-pulizija qaluli biex nidhol god-dghajsa halli nara jekk gewwa tad-dghajsa kienx jixbah lil dik id-dghajsa li jien mort biha Sqallija u nghid illi l-parti ta' gewwa ta' din id-dghajsa jixbah hafna d-dghajsa li jien mort biha Sqallija." "......................................." " Nghid illi mid-data tad-dokument ta' meta ahna ttehidna mill-pulizija Taljana l-habs dan id-dokument juri li ahna ttehidna mill-pulizija Taljana fit-13 ta' Marzu ta' din is-sena. Nixtieq nghid illi bhala dati niftakarhom ghaliex jien meta kont wasalt Malta kienet it-13 u meta gejt arrestat mill-pulizija Taljana kienet ukoll id-data 13. Qed jigi suggerit lili mill-avukat difensur jekk kienx id-9 jew l-10 ta' Marzu 2005 li jien tlaqt minn Malta. Nghid illi le, dan huwa impossibbli u nghid dan ghaliex ghax jien niftakar ezatt meta kont gejt Malta, ghext hawnhekk ghal xahrejn u ghalhekk bhala data tlaqt minn Malta u ghalhekk naf dawn id-dati. Nerga' nirrepeti li jien wasat Malta fit-13 u domt hawnhekk madwar xahrejn u d-data li tlaqt lura minn Malta u kienu qabduni l-pulizija Taljana dawn kienu qabduni fit-13 tax-xahar." (Sottolinjar tal- Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghall- brani mid-depozizzjoni ta' Qiu Zong Bin li fis-Seduta tat-2 ta' Mejju 2005, inter alia,qal: "Nikkonferma li jien intbghatt lura mill-Italja Malta u qabel kont mort minn Malta ghall-Italja.

Nghid illi jien ingibt lura Malta fl-14 ta’ April 2005 u dan kif jirrizulta mir-removal order li harget il-pulizija ta’ l-Immigrazzjoni Maltija dakinhar stess. Nghid illi jidhirli illi kien it-13 ta’ Marzu ta’ din is-sena li jien tlaqt minn Malta ghal Italja. Jien m’inix cert dwar din id-data. Jien tlaqt minn Malta bil-boat. Nghid illi l-parti ta’ quddiem ta’ din id-dghajsa li mort biha l-Italja hija dejqa u ppuntata. Jien go din il-boat qghadt gewwa. Nghid illi l-Maltin imbuttawna u ghaddejt minn go toqba ghal gol-parti t’isfel tad-dghajsa. Nghid illi din it-toqba li ghaddejt minnha kienet kwadra. Jiena nghid illi fuq din id-dghajsa li rkibt fiha toqba wahda rajt. Nghid illi jien semmejt ukoll li setgha kien hemm zewg toqob ghaliex nghid illi meta kont, il-pulizija haduni nara xi dghajjes, id-dghajsa li indikawli, din kien fiha zewg toqob. Nghid illi jien bhala fatt toqba wahda rajt. Nghid illi jien meta l-pulizija haduni biex nara d-dghajjes rajt minn tnejn sa tliet dghajjes (2 – 3) pero` nghid illi jien go dghajsa wahda minnhom. Nghid illi ma nistax niftakar b’mod car jekk mid-dghajjes li rajt jien meta haduni l-pulizija kienx hemm xi wahda li hija tixbah d-dghajsa li mort biha Sqallija. Nghid illi d-dghajsa li mort biha Sqallija ghandha quddiem f’forma ta’ ponta. Nghid illi jien meta tlajt fuq id-dghajsa inzilt gharkubtejja imbaghad inzilt minn go din it-toqba ghal isfel tad-dghajsa. In kwantu ghad-dghajsa li urewni l-pulizija li jen dhalt nghid illi din tixbah id-dghajsa li mort biha Sqallija ghaliex din kienet ukoll bil-ponta u kellha wkoll toqba biex minn hemm tidhol fiha. Inzid nghid ukoll illi l-parti interjuri ta’ din id-dghajsa li jien dhalt fiha u li urewni l-pulizija u d-dghajsa li jien mort biha Sqallija l-intern taghhom huwa simili hafna. Nghid illi jien biex mort Sqallija hallast elfejn u erba’ mitt Dollari Amerikani ($2400). Dawn il-flus hallasthom lil wiehed Ciniz. Nghid illi jien dawn il-flus ma hallasthomx Malta. Nghid dawn il-flus hallasthom lil wiehed Ciniz ahna u sejrin bid-dghajsa minn Malta ghal Sqallija. Nghid illi dan ic-Ciniz li jien tajtu l-flus kien qieghed mac-Cinizi l-ohra li kien hemm fuq id-dghajsa. Nghid illi jien dan ic-Ciniz li tajtu l-flus ma nafx x’jismu. Kif ghidt qabel dan ic-Ciniz kont rajtu hawn Malta.” “..............................” “ Nghid illi dakinhar li jien tlaqt minn Malta kien gie ippikjani vann, li l-kulur ta’ danil-vann kien ahmar. Nghid kien Malti li kien qed isuq il-vann. Nghid illi dan li kien qed isuq il-vann kien

qieghed hooded u ghalhekk nahseb li kien Malti u hawnhekk nixtieq nispjega illi dan ir-ragel li dak il-hin kien bil-lejl fid-dlam kien liebes kappa f'rasu u kellu l-gakketta mghollija 'l fuq u ghalhekk kien qisu rajtu qisu hooded. Nghid illi meta dhalt gol-vann kien hemm dak ic-Ciniz li imbaghad jien ghaddejtlu l-flus fuq id-dghajsa. Nghid illi sakemm ahna wasalna hdejn id-dghajsa x-xufier waqaf diversi drabi dan il-vann pero` qatt ma tela hadd fuq il-vann. Rajt tnejn (2) li kienu qeghdin jiehdu hsieb id-dghajsa u nghid illi dawn it-tnejn (2) kienu lebsin kollox iswed u l-hoods li kienu lebsin f'rashom kienu wkoll suwed. Nixtieq nghid illi dan ic-Ciniz li tajtu l-flus gie maghna fuq it-trip lejn Sqallija pero` nghid illi imbaghad meta nzilt jien fl-art fi Sqallija lil dan ma rajtux. Nghid illi Sqallija ma rajtux dan ic-Ciniz li kont hallastu l-flus fid-dghajsa. Nikkonferma li dan ic-Ciniz fuq id-dghajsa rajtu ghax jien lilu hallastu. Nghid illi minn dakinhar li rajt dan ic-Ciniz u tajtu l-flus fuq id-dghajsa sal-lum dan ic-Ciniz ma ergajtx rajtu iktar. Nghid illi mhux wiehed mic-Cinizi li gew ritornati lura mill-Italja meta gejt ritornat lura jien." (Sottolinjar tal- Qorti)

In kontro ezami, l-istess xhud, fl-istess Seduta, inter alia, qal: "Nghid illi meta l-pulizija haduna naraw id-dghajjes nghid illi jien go dghajsa wahda dhalt. Kienu l-pulizija li qaluli biex nidhol go din id-dghajsa. Il-pulizija qaluli li stajt nidhol nara god-dghajsa u biex inhares god-dghajsa. Nghid illi l-pulizija ma qalulix li nista' nidhol nara d-dghajjes l-ohra wkoll." "................................" "Nghid illi ahna meta konna qeghdin mizmumin mill-pulizija Taljana gewwa l-Italja konna iktar minn ghoxrin (20) Ciniz. Nghid illi jien meta kont fuq id-dghajsa ma gharaft lil hadd min-nies li wara rajthom mieghi mizmumin mill-pulizija Taljana u dan ghaliex gewwa d-dghajsa kien hemm dlam kbir. Nixtieq nghid illi meta ahna nzilna mid-dghajsa inzilna b'velocita` kbira minn fuq id-dghajsa u kulhadd ha d-direzzjoni tieghu u ghalhekk ma stajtx naghraf ezattament min kien niezel mieghi minn fuq id-dghajsa" "........................................" " Kienu jew it-12 jew it-13 ta' Marzu ta' din is-sena li jien kont tlaqt lejn Sqallija minn Malta. Nghid illi l-gurnata meta tlaqt Malta kienet il-Gimgha, jew is-Sibt jew il-Hadd. Nghid illi d-data ta' llum

ma nafhiex. Nghid illi llum naf li huwa t-Tnejn.” (Sottolinjar tal- Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghall- brani mid-depozizzjoni ta’ Zheng Minghui li fis-Seduta tat-2 ta’ Mejju 2005,inter alia, qal: “Nghid illi jien kont tlaqt minn Malta ghal Sqallija f’Marzu ta’ din is-sena u nghid illi kien fit-12 ta’ Marzu ta’ din is-sena li jien tlaqt minn Malta ghal Sqallija. Jien mort minn Malta ghal Sqallija bil-boat. Nghid illi kien hemm dghajsa ghal Italja u mort fuqha. Jien hallast flus biex mort b’din id-dghajsa. Nghid illi jien hallast elfejn u hames mitt Dollaru Amerikan ($2500) bhala hlas biex immur b’din id-dghajsa lejn Sqallija. Jien dawn il-flus hallasthom lil wiehed Malti.” “.................................” “Nghid illi jien lil dan il-Malti hallastu fil-lejl li ahna konna tlaqna minn Malta. Jien hallastu fil-park li semmejt gewwa tas-Sliema. Nghid illi jien ittehidt fuq il-post fejn kien hemm id-dghajsa b’vann. Dan il-vann huwa ta’ kulur abjad. Nghid illi x-xufier kien wiehed Malti li kien qed isuq dan il-vann. Nghid illi l-persuna li jien tajt il-flus kien gie b’karozza ghalih u nghid li jien dhalt gewwa l-vann. Ma kienx dan il-persuna li tajtha l-flus li saqet il-vann. Nghid dan ir-ragel saq taxi. Ma niftakarx in-numru tat-taxi. Il-kulur ta’ dan it-taxi kien abjad. Nghid illi ghall-ewwel ghaxar minuti li konna qeghdin god-dghajsa d-dghajsa bdiet miexja bil-mod pero` imbaghad ziedet hafna fl-ispeed din id-dghajsa u ahna li konna qeghdin gewwa bdejna nispiccaw naqbzu ‘l u ‘l hawn. Nghid illi jien meta qbizt fuq id-dghajsa imxejt gharkubtejja imbaghad ghaddejt minn go toqba biex inzilt isfel gewwa d-dghajsa. Nghid illi din it-toqba kienet ta’ shape kwadru. Nghid illi din it-toqba kienet miftuha u ma kien hemm xejn li kien qieghed jghattiha. Nghid illi fuq din id-dghajsa innutajt li kien hemm zewg toqob fuq din id-dghajsa fis-sens illi barra t-toqba li ghaddejt minnha jien kien hemm toqba ohra bhala. Nghid illi jien meta kont gewwa d-dghajsa, qghadt bil-qeghda. Nghid illi meta jien kont gewwa d-dghajsa kien hemm id-dlam u ma stajtx nara sew. Nghid illi jien qghadt bil-qeghda fuq xi haga ta’ kulur abjad li kienet maghmula jew minn injam jew minn hadid. Nghid gewwa d-dghajsa u fil-parti fejn kont hemm jien jigifieri fil-parti ta’ gewwa tad-dghajsa kien hemm

hamsa u ghoxrin (25) passiggier u kien hemm nisa fost dawn il-passiggieri. Nghid illi kienu kollha Cinizi dawn il-hamsa u ghoxrin (25) ruh li semmejt. Nghid illi kien hemm tlett (3) persuni li kienu qeghdin jikkontrollaw id-dghajsa. Nghid illi dan kien bil-lejl u in kwantu ghal dawn il-persuni li nnutajt kien li kienu lebsin kollox bl-iswed. Nghid illi dawn kellhom kappell f'rashom pero` nghid li dawn ma kienux hooded. Wicchom ma kienx mghotti kollu. Kappell li kienu lebsin ukoll kien iswed. Nghid illi meta jien ingibt lura Malta minn Sqallija l-pulizija Maltija kienu haduni biex nara xi dghajjes u nghid illi niftakar li kien hemm erbgha (4) dghajjes. Jien dhalt go dghajsa wahda minn dawn. Nghid illi jien biex dhalt go din id-dghajsa ghaddjet minn go toqba. Din it-toqba kienet kwadra u nghid illi fuq id-dghajsa kien hemm zewg toqob. Nghid illi din id-dghajsa quddiem huwa ippuntat. Nghid illi din id-dghajsa gewwa kellha seating tal-hadid u l-kulur ta' dawn is-seating kien abjad. Nghid illi din id-dghajsa li jien dhalt fiha fost id-dghajjes li kien meta haduni l-pulizija biex nara dawn id-dghajjes nghid illi din id-dghajsa tixbah lid-dghajsa li biha jien mort Sqallija. Nghid illi dwar id-dghajjes li kienu fuq il-post biex nara dawn id-dghajjes bejniehtom ma kienux jixtiebhu." (Sottolinjar tal- Qorti)

In kontro ezami, l-istess xhud fl-istess Seduta, qal: "Nikkonferma li jien tlaqt minn Malta ghal Sqallija fit-12 ta' Marzu 2005. Nghid illi kien bil-lejl. Ma niftakarx li kien is-Sibt kif qed jigi suggerit lili mid-difiza li konna tlaqna minn Malta. Nghid illi bhala l-gurnata tal-Gimgha ma nafx meta kienet. Nghid illi ahna once li wasalna Sqallija kienu madwar l-ghaxra ta' filghaxija (10pm) tat-12 ta' Marzu 2005. Nghid illi jien ma kellix arlogg mieghi pero` siehbi kellu u nghid illi siehbi kien mieghi u kien ukoll fid-dghajsa. L-isem tal-habib tieghi huwa Wang Sengming." (Sottolinjar tal- Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-depozizzjoni ta' PS 1210 James Gauci li fis-Seduta tal-21 ta' Gunju 2005, qal: "Nghid illi fil-11 ta' Marzu ta' din is-sena 2005, jien kont qieghed stazzjonat l-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Jien ircevejt telefonata mill-Control Room fejn gejt infurmat illi kienet qed titnizzel xi lanca jew dghajsa minn gewwa slip

way gewwa M'Scala. Jien dak il-hin mort infittex fuq l-islip way ta' M'Scala u l-hsieb tieghi kien li mmur quddiem il-Knisja ta' M'Scala ghax hemmhekk tintuza bhala slip way. Nghid illi t-telefonata jien ircevejtha xit-tmienja neqsin hamsa ta' filghaxija (7.55pm) u jien ghat-tmienja (8pm) kont qieghed fuq il-post M'Scala. Jien dort madwari u nnutajt li kien hemm karru ta' madwar tletin (30) pied li kien bla lanca u nghid illi dan il-karru kien qieghed imwahhal ma' dak li jien rajt bhala trakk ta' kulur kannella registration number KBB 598 u dan nghid illi kellu fuqu miktub fuqu Dutch. Nghid illi jien fit-tmienja ta' bil-lejl (8pm) dak il-hin kont fuq il-post, jien peress li kien wasal il-hin li nispicca jien cempilt lis-Surgent tan-night watch biex nigi mibdul. Jien fuq il-post hallejt lil PC 953, jidhirli li kien in-953 li hallejt fuq il-post u mort lura l-Ghassa. Nghid illi jien imbaghad tajt il-handing over lil WPS 156 li hi imbaghad hadet over minghandi. Dak il-hin li kont fuq il-post jien ma osservajt l-ebda movimenti fil-vicinanzi. Nixtieq nghid illi fit-telefonata li kont ircevejt li diga` ghamilt referenza ghaliha fid-deposizzjoni tieghi, min kellimni li kienet milli Control Room tal-Pulizija infurmatni li din id-dghajsa setghet kienet xi power boat. Nghid illi jien immedjatament tlaqt mill-Ghassa u f'hames (5) minuti kont fuq il-post. (Sottolinjar tal- Qorti).

Qed nesebixxi l-okkorrenza li jien dahhalt u li hija minni ffirmata li qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok SJG 1."

In kontro ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qal: "Nixtieq nghid illi jien fuq il-post mort ma' PC 941. Nghid illi lil PC 941 gie lura mieghi l-ghassa u jien hallejt lil PC 953 li huwa pulizija ta' Wied il-Ghajn, dak hallejtu fuq il-post. Nixtieq nghid illi t-telefonata fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar l-ewwel li rcevieha kien l-Orderly PC 886 li dan imbaghad ghadda t-telefonata lili."

Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-depozizzjoni ta' PC 1607 George Vella illi fis-Seduta tal-21 ta' Gunju 2005, qal: "Nixtieq nghid illi fil-11 ta' Marzu tas-sena kurrenti 2005 jien kont qieghed night watch u dan mid-disgha ta' bil-lejl (9pm) sal-hamsa ta' filghodu (5am) gewwa M'Scala. WPS 156 kienet infurmatni biex jien

immur nibdel lil PC 953 li kien qieghed fixed point gewwa M'Scala stess u dan vicin il-Knisja ta' M'Scala, kien qieghed fixed point ma karru ta' dghajsa. Inzid nghid illi jien inzilt hemmhekk u nghid illi kienu ghal xi d-disgha neqsin ghaxra, d-disgha neqsin hamsa ta' filghaxija (8.50pm – 8.55pm). Jien hemmhekk sibt lil PC 953 u dan tani l-handover tal-karru u tal-vann u dan il-karru kien qieghed imwahhal ma dan il-vann Dutch. Nghid dan il-vann kellu registration number KBB 598. Nghid illi l-karru ma kellux dghajjes fuqu, kien vojt. Nghid illi dan il-karru kellu certu tul, fil-fatt nghid illi kien fih nahseb iktar minn tletin (30) pied. Jien lill-pulizija li hadt over minghandu infurmani biex jien noqghod attent biex jekk nara xi moviment hdejn dan il-karru, jien immedjatament ninforma l-Ghassa ta' Haz-Zabbar dwar dan. Nghid illi ghal habta tal-kwarta ta' filghodu (00.15am) u allura t-12 ta' Marzu 2005, gie vann Citroen abjad u dan il-vann kellu registration number BAO 342. Dan il-vann ipparkja vicin fejn kont qieghed jien u nizel ragel minnu u rajtu dan qed javvicina lill-karru tad-dghajsa. Jien hallejtu lil dan javvicina l-karru u l-vann Dutch. Innutajt li dan fetah il-bieba tad-Dutch, rajtu diehel fih. Nghid illi dak il-hin kienu ghaddejjin hdejn il-post PS 1428, WPS 156, u PC 438, u kienu gejjin b'karozza. Jien waqqafthom, huma nizlu, u jien ghidtilhom li dak ir-ragel illi dahal fil-vann nahseb li ser jistartja l-vann. Nghid illi imbaghad mar PS 1428 ikellem lil dan ir-ragel. Imbaghad gew tal-mobile u dan ir-ragel arrestajnieh. Jien lejn dan ir-ragel ersaqt lejh, u kien is-Surgent illi kellmu. Jien ftit li xejn kellimtu. Lil dan ir-ragel qieghed naghrfu prezenti fl-Awla u qieghed nindikah bhala l-imputat Anthony Muscat u jidhirli li kienu tal-mobile illi imbaghad kienu arrestawh lill-imputat Anthony Muscat. Jien bqajt fuq il-post. PS 1428 tani struzzjonijiet biex jien nibqa' hemmhekk u huma l-pulizija l-ohra marru jduru. Jien ftit wara nnutajt dghajsa diehla u jien issusspettajt bhala li kienet power boat. M'ghaddiex hafna hin, rega' gie hdejja s-Surgent PS 1428 u ahna qghadna nistennew din il-power boat diehla max-xatt. Ahna nnutajna illi fuq id-dghajsa kien hemm tlett (3) persuni ohra. Ps 1428 ta struzzjonijiet lil dawn it-tlett (3) persuni biex jidhlu, u fil-fatt ftit wara dahlu. Huma tellghu d-dghajsa fuq il-karru u din kienet power boat u din kellha tlett 93) muturi, u din kellha

bhala kulur, kulur skur. Nghid illi PS 1428 beda jkellem lil dawn it-tlett (3) irgiel, imbaghad ahna cempilna lill-karozzi tal-mobile biex jassisstuna. Nghid illi wiehed minn dawn it-tlett (3) irgiel saq id-Dutch bil-power boat flimkien mas-Surgent PS 1428 sa Ta' Kandja u t-tnejn (2) l-ohra gew mghobbija f'zewg (2) karozzi differenti mill-pulizija u ttiehdu l-lock up. Nghid illi lil dawn it-tlett (3) irgiel l-ohra qieghed naghrafhom prezenti fl-Awla fost l-imputati u li huma l-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci. Nghid illi stante li PS 1428 kien innota li dawn it-tlett (3) irgiel huma u dehlin bil-power boat kienu tefghu xi haga l-bahar, huwa lili kien ordnali biex jein nibqa' fuq il-post. Nghid illi ftit wara gie fuq il-post PS 368 Monreal mid-Drug Squad, u gie wkoll mieghu PC 1348 u WPC 21 Bugeja. Nghid illi dawn kellhom dinghy zghir u dawn gabu flood light u ghamlu search fiz-zona pero` b'rizultat negattiv. Dwar l-imputati li kien hemm fuq il-post u kif spjegajt l-ewwel illi kien hemm l-ewwel l-imputat Anthony Muscat, imbaghad kien hemm l-imputati l-ohra, jien principalment kellimhom PS 1428. Jien jekk kellimthom, kellimthom ftit. Jien ma elevajt l-ebda oggetti minn fuq il-post."(Sottolinjar tal- Qorti).

In kontro ezami, l-istess xhud, fl-istess Seduta, qal: "Nghid illi meta gew arrestati l-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci, bhala pulizija prezenti konna, jien, PS 1428, WPS 156 u PC 438 imbaghad ftit wara gew tal-mobile. Nghid tal-mobile wara li sejjahnielhom kienu gew zewg (2) units tal-mobile u nghid illi dawn ma damux biex gew. Principalment kien PS 1428 li kellem lil dawn l-imputati. Is-Surgent l-ewwel kien qalilhom biex jidhlu bid-dghajsa, jnzlu mid-dghajsa u jtellghu d-dghajsa. Nixtieq nghid illi kif ahna konna rajna lil dawn it-tlett (3) imputati dehlin bid-dghajsa is-Surgent PS 1428 kien cempel lill-Ispettur Mario Haber u dan infurmah bl-akkadut u ftit wara l-Ispettur Mario Haber ordna lis-Surgent PS 1428 biex jarresta lil dawn it-tlett (3) imputati. Nixtieq nghid illi l-Ispettur Haber lili ma kellimnix. Nixtieq nghid illi anke rigwardanti meta konna sibna lill-imputat Anthony Muscat, PS 1428 ukoll kien cempel lill-Ispettur Mario Haber dwaru u hemmhekk ukoll l-Ispettur Haber kien ordna l-arrest ta' l-imputat Anthony Muscat. Rigwardanti d-diskors li sar bejn

PS 1428 u l-imputat Anthony Muscat li niftakar ftit li niftakar u li kien illi smajt lis-Surgent isaqsi x'kien ser jaghmel bit-trakk u jidher li l-imputat Anthony Muscat kien qallu li kien sejjer bih H'Attard. Jien dwar diskors dan li niftakar meta kien hemm Muscat u cioe` meta kien hemm l-imputat Anthony Muscat. Nixtieq nghid illi jien ma niftakarx ezatt jekk l-imputat Anthony Muscat kienx ittehidx bil-karozza tal-mobile squad jew inkella bil-karozza tas-Surgent PS 1428. Dwar kif ghidt li m'inix cert dwar jekk il-vettura kienetx tal-mobile jew hadu lill-imputat Anthony Muscat minn fuq il-post jew kenitx il-karozza tas-servizz ta' PS 1428 u nghid illi ma niftakarx jekk meta kienu dahlu t-tlett (3) imputati l-ohra bil-power boat l-imputat Anthony Muscat kienx ghadu fuq il-post jew le.

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk bhala fatt niftakarx jekk is-Surgent PS 1428 qal il-kliem lill-imputat Anthony Muscat li hu kien qieghed jigi arrestat bhala fatt jekk is-Surgent PS 1428 qalx il-kliem "qed narrestak" nghid illi dan ma niftakrux. Qed nigi mistoqsi jekk PS 1428 qalx il-kliem specifiku "int qieghed taht arrest" u dan qalu lil Anthony Muscat, jekk jien niftakrux nghid illi ma niftakarx. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk meta nizlu fuq l-art l-imputati l-ohra xi hadd mill-Korp tal-Pulizija infurmahom li huma kienu qeghdin taht arrest fis-sens illi qallhom il-kliem "intom qeghdin taht arrest" nghid illi jien ma niftakarx. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk jiena smajtx lil xi hadd mill-Korp tal-Pulizija jghid lit-tlett (3) imputati l-ohra u cioe` lill-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci ghaliex dawn kienu qeghdin jigu mizmuma nghid illi ma niftakarx. Nixtieq nghid illi in kwantu ghall-imputati kollha jien il-hin kollu kont qieghed prezenti meta dawn kienu qeghdin hemmhekk. Nghid illi jien kont vicin ta' l-imputati meta kienu qeghdin fuq il-post. Nixtieq nghid illi qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur illi allura li jien kont vicin jien id-diskors li jien gejt mistoqsi dwaru li setgha intqal jien allura kontx f'posizzjoni li nisimghu nirrispondi illi jien ma neskludix li dan id-diskors intqal pero` jien ma niftakarx. In kwantu x'gara mill-power boat nghid illi kien l-imputat Timothy Gauci li telgha mas-Surgent PS 1428 fid-Dutch wara li kienet tghabbiet il-power boat fuq il-karru u kien

saq l-imputat Timothy Gauci akkumpanjat minn PS 1428 sa Ta' Kandja fejn ittiehdet din il-power boat." (Sottolinjar tal- Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-depozizzjoni ta' PS 1428 Jesmond Delia illi fis-Seduta tal-21 ta' Gunju 2005 qal: "Nghid illi fil-11 ta' Marzu 2005 jien dhalt ghal night watch fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Mieghi kelli lil WPS 156 u l-PC 438 u dawn gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar ghaliex nghid imbaghad l-Ghassa ta' Wied il-Ghajn kelli lil PC 1607. Jien kelli xi struzzjoni li kien hemm karru ta' dghajsa li kien marbut ma vann Dutch registration number KBB 598. Dan kien qieghed fejn l-islip way taht il-Knsija ta' Wied il-Ghajn. Ahna gejna ordnati biex ahna naghmlu fixed point hemmhekk hdejn dan il-karru u biex jekk jersaq xi hadd hdejn dan il-karru ahna, l-pulizija, nwaqffuh mill-ewwel. Jien ordnajt lil PC 1607 biex hu jkun ghassa hdejn il-karru pero` ghidtlu biex ma jibqax hdejh preciz imma li jkun qieghed fil-vicin biex ikun taht ghajnejh. Dan ghamiltu fuq handover li kien tani Surgent iehor u cioe` li kien PS 1210, dak kien tas-second watch. Nghid illi imbaghad fil-kwarta ta' filghodu (00.15am) tat-12 t'a Marzu 2005 u li l-gurnata kienet is-Sibt, jien flimkien ma WPS 156 u PC 438 ahna hrigna bil-karozza bir-ronda madwar Haz-Zabbar kif solitament naghmlu u nghid illi mal-ewwel bdejt ma' M'Scala. Dak il-hin ezatt kien qabadni PC 1607 li kien qieghed ghassa hdejn il-karru fejn dan infurmani illi ragel kien avvicina l-vann li kien hemm marbuta mieghu l-karru u li kien dahal fil-vann. Peress li ahna konna qeghdin vicin Wied il-Ghajn ahna wasalna mill-ewwel. Nixtieq hawnhekk nippreciza illi ahna li gara kien li dan PC 1607 kien cempel il-Control Room biex infurmahom dak li ghidt, il-Control Room qabdu lilna u ahna morna fuq il-post u kif rana gejjin, PC 1607 waqqafna bil-karozza. Pero` nghid illi ahna peress li kellna diga` l-informazzjoni konna sejrin lejn dik id-direzzjoni. Kif inzilt sibt lill-persuna certu Anthony Muscat, l-ID card tieghu kien 332665M. Nixtieq nghid illi in kwantu ghall-imputati prezenti fl-Awla, ghandi d-dubju bejn l-

imputat li qed jigi indikat lili bhala l-imputat Simon Muscat u t-tieni imputat li qed jghiduli li huwa Anthony Muscat. Qed nghid hekk ghaliex it-tnejn (2) ghandhom fizonomija li jixxiebhu. Nixtieq nghid in kwantu ghall-imputat li qed jigi indikat lili bhala Anthony Muscat nghid illi dakinhar dan ma kellux bhala daqna. Meta wasalt fuq il-post, dan certu Anthony Muscat bl-ID card li semmejt, dan kien qieghed hdejn il-pulizija u nixtieq hawnhekk nippreciza li l-ID card ta' dan Anthony Muscat kien uriehuli u n-numru hadtu minn fuq l-ID card tieghu u cioe` n-numru li hadt minn fuq l-ID card kif diga` ghidt kien 332665M u wkoll tani l-mobile number tieghu li huwa 9986 5638 u li bhala indirizz tani Whincister Court, St Rita Street, B'Kara. Dan qalli li hu kien gie fuq il-post bil-vettura tieghu Citroen abjad li kienet qeghda vicin il-karru. Nghid illi n-numru ta' dan ic-Citroen bajda hija n-numru BAO 342. Nixtieq nghid illi lili l-pulizija PC 1607 kien infurmani illi dan ir-ragel kien nizel mill-karozza Peugoet bajda li semmejt, u dan kien qieghed ipparkjat u nghid illi huwa kien ipparkja l-karozza tieghu ezatt quddiem il-karru fejn quddiem il-karozza kien hemm ipparkjat il-karozza tal-pulizija u cioe ta' PC 1607 li dan imbaghad dan nizel mill-karozza Peugoet u gie biex jidhol go dan il-vann Dodge. Fil-fatt qalli li hu kien fetah il-bieba u dahal fil-vann u li imbaghad il-pulizija waqqfu u kien staqsieh x'se jaghmel u dan kien irrispondieh li dan kien il-vann ta' huh li kien cempillu ftit hin qabel u dan huh qallu biex jaqbad il-karru u jtellaghhulu hdejn l-iskola tan-Naxxar. Nixtieq nghid illi dan id-diskors, dan Anthony Muscat kien qalu lili wkoll. Jien meta kellimtu lil Anthony Muscat u staqsejtu ukoll allura c-cwievet minn fejn kien qabhom, dan kien qalli illi l-vann ma kienx jillokja ruhu u c-cavetta tkun qeghda gewwa l-lock u jien ikkonfermajt illi fil-fatt wara li ftaht il-bieba innutajt li c-cavetta kienet fil-lock. Jien imbaghad infurmajt mill-ewwel lill-Ispettur Mario Haber. Nghid illi lili l-Ispettur Mario Haber qalli biex navza lil dan Anthony Muscat li hu qieghed jigi arrestat u li ser jigi investigat u jien lil Anthony Muscat kont ghidtlu li hu kien qed jigi arrestat u li wkoll kien ser jigi investigat. Qed nigi mistoqsi jekk jien f'xi hin lil PC 1607 waqt il-hin li l-kawza llum kienet posposta ikkomunikajtx mieghu nghid illi nikkonferma bil-gurament li jien m'ghamiltx dan. Nirreferi ghall-akkadut nghid illi Anthony Muscat dan kien

sejjer icempel bil-mobile u jien ma kontx hallejtu. Imbaghad inzid nghid illi dan hadtu mieghi fil-karozza tas-servizz u jien qghadt fuq quddiem u WPS 156 kienet qeghda fuq wara flimkien ma Anthony Muscat u PC 438 kien qieghed isuq. Fuq il-post jien hallejt lil PC 1607. Jien nghid illi biex immur ghad-Depot ghaddejt minn Triq ix-Xatt il-Gdida ta' Wied il-Ghajn. Nghid imma illi ahna u sejrin gieni suspetti dwar din id-dghajsa u nghid illi f'hin minnhom smajt qisu hsejjes ta' magna qeghda tahdem, precizament ta' magna ta' power boat li qeghda tahdem u ghalhekk jien waqqaft il-karozza u nghid illi facata tal-Knisja n-naha l-ohra fejn waqaft fejn hemm il-Fanal u fejn hemm qisu break water nilmah dghajsa diehla fid-dlam bi tlett (3) figuri fuqha u jien ikkonkludejt li din kienet diehla 'l gewwa. Ahna ergajna dawwarna u ergajna morna lura hdejn PC 1607. Jien inzilt ghal fuq il-moll u jien kelli search light mieghi u jien ilmaht id-dghajsa diehla u nghid illi dawn it-tlett (3) figuri indunaw bil-prezenza tieghi u nghid illi imbaghad din id-dghajsa li fil-fatt kienet power boat nghid illi dawn kienu fid-direzzjoni lejn il-moll biex jitilghu lejnl-slip way fejn kien hemm id-Dodge u l-karru u fejn kont qieghed jien ukoll. Jien ghidtilhom biex jidhlu 'l gewwa u dawn ghal xi raguni kif lemhu lili naghmlilhom l-indikazzjoni biex jidhlu 'l gewwa il-ponta tad-dghajsa ma baqghetx iktar thares l-slip way u bdiet iddur lejn Ta' Grabiel Restaurant. Nixtieq nghid illi din il-power boat kienet diehla bil-mod. Jiena hadt l-impressjoni li din qisha ma riditx tidhol lura. Jien xgheltilhom is-search light ghal fuqhom u wara tad-dghajsa bdejt nara zewg (2) muturi u nnutajt tlett (3) persuni, wiehed fuq l-isteering, wiehed magenbu bil-wieqfa u wiehed fuq is-seat ta' wara bil-qeghda. Id-dghajsa qisha waqfet hesrem u bdiet miexja mal-mewg pero` nghid illi ghajnejja baqghu fuqhom bis-search light fuqhom u nghid ukoll illi wiehed minnhom li ma kienx dak li kien qieghed imexxi l-isteering izda kien dak ta' hdejh u dan kien bil-wieqfa u nghid illi dan jien rajtu li kien qisu qieghed jistiva u jirranga xi haga fid-dghajsa u f'hin minnhom rajtu jitfa' xi haga fil-bahar. Jien bdejt naghmillhom sinjali biex huma iktar jidhlu lura pero` nghid illi kien hemm intervall ta' xi zewg minuti, tlett minuti (2 – 3) imbaghad id-dghajsa bdiet qisha terga' b'lura u imbaghad dawwar u dahal ghal mal-moll. Kif huma

ressqu mal-moll jien inzilt mill-ewwel fuq id-dghajsa u nixtieq nghid illi fuq id-dghajsa kien hemm l-imputat Lawrence Muscat, kien hemm ukoll l-imputat Timothy Gauci u nghid illi dawn Lawrence Muscat u Timothy Gauci qed naghrafhom prezenti fl-Awla kif ukoll kien hemm Simon Muscat pero` nghid li dan kif diga` ghidt qabel ghandi dubju jekk hu huwiex l-imputat li qieghed l-ewwel fuq ir-ringiela opposta ta’ dak ta’ Lawrence Muscat jew inkella dak ta’ hdejh. Dawn it-tlieta (3) kienu qeghdin fuq id-dghajsa u jien dawn it-tlieta (3) hadtilhom il-particulars u dawn kienu, wiehed minnhom qalli li jismu Timothy Gauci u tani bhala ID card number 480176M, mobile number tieghu 9947 1125. L-iehor li kellimt tani ismu u kunjomu bhala Lawrence Muscat, l-karta ta’ l-identita` numru 132970M, telephone number 21478714, u dan qalli li joqghod Oakwood Lodge, Triq l-Gherien, Mosta u l-iehor tani bhala isem u kunjom Simon Muscat bl-ID card number 408168M. Bhala telephone tani 21420280 u li joqghod Yasmine, Flat 2, Triq Paskal Buhagiar, Mosta. Nixtieq nghid illi in kwantu ghall-imputati kollha prezenti fl-Awla, kif idga` ghidt jien qieghed naghraf lil Lawrence Muscat u Timothy Gauci bhala tnejn (2) li kienu qeghdin fuq id-dghajsa u nghid illi in kwantu ghat-tnejn (2) l-ohra li qeghdin jigu indikati bhala l-imputati Anthony Muscat u Simon Muscat, nghid illi wiehed minnhom illi ghandu l-isem Simon Muscat kien qieghed mat-tnejn (2) l-ohra fuq id-dghajsa u in kwantu ghal Anthony Muscat nghid illi qieghed jigi indikat lili bhala Anthony Muscat, huwa dak illi kien gie ghal vann. Nghid illi wiehed mit-tlieta (3) li kien fuq id-dghajsa kellu bhal beritta, skufja f’rasu. Nixtieq nghid illi meta jien imbaghad tellajt tnejn (2) minnhom fuq l-art, u l-iehor kien ghadu fuq id-dghajsa, jien nixtieq nippreciza li jien kont inzilt fuq id-dghajsa, jien bdejt infittex ma dak li kien baqa’ fuq id-dghajsa u nghid illi fuq id-dghajsa baqa’ l-imputat Timothy Gauci u dan lili qalli li huma kellhom id-dghajsa bil-hsara u kienu hargu biex jippruvawha. Nixtieq nghid illi saret tfittxija fuq il-persuna taghhom u nghid ukoll illi nnutajt li tnejn (2) minn dawn kienu lebsin wet suit. Nghid illi f’hin minnhom fuq id-dghajsa telghu ukoll pulizija tal-mobile fejn PC 40 indikali fuq il-parti ta’ wara hdejn is-seat kien hemm GPP. Nghid illi dan PC 40 tal-mobile urieni l-GPP u dan lili spjegawli illi

dan skond PC 40 spjegali illi dan kien strument ta' meta wiehed johrog bil-bahar u nghid illi dan kien kollu mcappas biz-zejt. Kien hemm ukoll zewg (2) mobile phones. Nghid illi jien kif dhalt fil-parti interna tad-dghajsa isfel innutajt illi fil-parti ta' quddiem tad-dghajsa kien hemm remettar. Nghid illi r-remettar kien mifrux u nghid illi kien hemm allura kwantita` u nghid illi jien allura staqsejt lill-imputat Timothy Gauci dwar dan u hu kien irrispondieni illi hu kien ma jiflahx u hu kien irremetta hu u jien ghidtlu "mela ghandek stonku ta' baqra biex hawn dan ir-remettar kollu?". Nixtieq nghid illi din id-domanda kont staqsejtielu kemm meta konna fuq il-post u kif ukoll meta morna l-SAG Ta' Kandja. Nixtieq nghid illi imbaghad Timothy Gauci kelli mobile fuqu u dan beda jdoqqlu u hu ried jirrispondi u jien ghidtlu biex ma jwigibx u ghidtlu wkoll biex ma wiegeb lil hadd u li minn issa 'l quddiem huma lkoll jnsabu arrestati. Nixtieq nghid ukoll illi t-tnejn (2) l-ohra li kienu diga` nizlu minn fuq id-dghajsa kif immedjatament kienu nizlu l-art jien kont ghidtilhom li huma kienu qeghdin jigu arrestati. Nghid illi imbaghad kien gie infurmat l-Ispettur Mario Haber biex ninghata struzzjonijiet mid-dghajsa. Nghid illi jien inghatajt struzzjonijiet biex jien flimkien ma Timothy Gauci niehdu l-vettura bid-dghajsa Ta' Kandja u t-tnejn (2) l-ohra jigu ma' Anthony Muscat skortati lejn id-Depot. Nghid illi fil-fatt kien Timothy Gauci u li kien huwa li tella' d-dghajsa ghal fuq il-karru imbaghad kien saq hu lejn Ta' Kandja u jien kont hdejh. Kif wasalna Ta' Kandja inghatajna struzzjonijiet li affarijiet li jistghu jinqalghu mid-dghajsa Timothy Gauci jaqlaghhom u nghid ili dawn ghall-affarijiet li jistghu jinqalghu bhal batteries dawn kellhom jinqalghu u nghid illi fil-fatt dawn qalaghhom mid-dghajsa u sakkarhom gewwa l-vann Dutch. Nghid illi dan Timothy Gauci qalli li d-dghajsa ma kenitx tieghu pero` hu kien qieghed biha. Nghid illi ahna hallejna kollox ipparkjat Ta' Kandja u imbaghad gew tal-mobile ghalija u nghid illi kienet skawdra ohra u lili flimkien ma Timothy Gauci haduna d-Depot. Imbaghad jien lil Timothy Gauci ghaddejtu hand over lil tal-lock up. Nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens illi l-istrument GPS u mhux GPP. Nixtieq nghid illi dan il-GPS jien elevajtu minn gewwa d-dghajsa. Korrezzjoni, kien PC 40 tal-mobile li elevah minn

god-dghajsa. Kien urieni fejn kien qieghed, qabdu hu ghax dan kien kollu zejt u ghaddieh lili. Nghid ili WPS 156 imbaghad jien ghaddejtilha dan il-GPS> Nixtieq nghid illi dan il-GPS jien ukoll elevajt zewg (2) mobiles. Nixtieq nghid ili anke z-zewg (2) mobiles PC 40 kien indikali fejn qeghdin u imabghad kien ghaddiehom lili flimkien mal-GPS. Dwar dawn iz-zewg (2) mobiles li sibna staqsejt ta' min kienu u nghid illi dawn iz-zewg (2) mobiles ghaddejthom lil WPS 156. Jien smajt lill-imputati jghidu meta staqsejthom biex jidentifikaw il-mobiles li gharfu liema huma taghhom.

Qed nigi muri d-dokument Dok MSP 14 u nghid din tidher gakketta ta' kulur isfar pero` ma jidhirlix li kont rajtha. Qed nigi muri d-dokument Dok MSP 12 u nghid illi din hija wet suit pero nghid ghalija difficli biex nghid ili jekk dawn kienux il-wet suits illi kellhom xi whud mill-imputati. Li niftakar zgur kien illi Simon Muscat kellu wet suit fuqu u in kwantu min l-iehor fost l-imputati li kien liebes il-wet suit insejt. Nixtieq nghid illi dawk li kienu lebsin il-wet suits kienu lebsin hwejjeg. Qed nigi muri d-dokument Dok MSP 9 u nghid illi dan id-dokument huwa wet suit u nghid pero` jien ma niftakarhiex. Qed nigi muri d-dokument Dok MSP 15 li hija beritta u dwar din il-beritta m'inix mija fil-mija cert li kienet il-beritta li jien rajt lill-imputat li qed jigi indikat lili bhala Lawrence Muscat li kien liebes pero` li naf hu li dan kien liebes beritta. In kwantu ghall-apparat GPS nghid illi dan kien imcappas kollu zejt. Nghid illi jien dan l-apparat bl-ebda mod ma uzajtu, kull ma ghamilt huwa illi wara li ghaddiehuli PC 40 jien imbaghad wara jien qghedtu fil-karozza u imbaghad kont ghaddejtu lil WPC 156 pero` bl-ebda mod ma uzajtu. Nghid illi in kwantu ghal kulur tad-dghajsa din kellha fuq barra l-iswed u kien hemm ukoll l-ahmar. Naf ukoll li din kellha zewg (2) muturi, li dawn il-muturi kienu ta' daqs kbir. Qed nigi mistoqsi jekk meta din il-power boat kienet diehla din kelliex sinjali ta' navigazzjoni mixghula nghid illi bhala impressjoni li jien ghandi f'mohhi nghid illi ma jidhirx li kellha dawl ta' navigazzjoni mixghulin." (Sottolinjar tal- Qorti).

In kontro ezami, l-istess xhud, fl-istess Seduta, qal: "Nghid illi PC 1607 ma kienx il-hin kollu hdejja. Jien nikkonferma

li jien lill-erba’ (4) imputati infurmajthom illi kienu qeghdin taht arrest u ghidtilhom ukoll li ma setghux icemplu jew lanqas jirrispondu l-mobiles u ghidtilhom ukoll illi huma kienu sejrin jigu eskortati lejn id-Depot u dan ovvjament minbarra Timothy Gauci m’ghedtlux li dan kellu jigi eskortat id-Depot ghaliex dan kellu jigi mieghi Ta’ Kandja. Jien nikkonferma illi in kwantu ghall-imputat li huwa indikat bhala Anthony Muscat nghid illi dan jien kont ghidtlu li kien qed jigi arrestat. Kif appena l-Ispettur Mario Haber kien tani l-istruzzjonijiet li dan jigi arrestat u jitnizzel id-Depot. In kwantu ghat-tlieta (3) l-ohra, tnejn (2) minnhom kif appena dawn tnizzlu l-art minn fuq id-dghajsa jien ghidtilhom li kienu qeghdin jigu arrestati w in kwantu ghal Timothy Gauci dan kien baqa’ mieghi fuq id-dghajsa u dan ghidtlu li qed jigi arrestat meta kien ghadu fuq id-dghajsa. Nixtieq nghid illi meta jien ghidt lit-tnejn (2) li nizlu minn fuq id-dghajsa li qeghdin jigu arrestati hdejja u li kienet qeghda fuq il-moll kien hemm WPS 156. In kwantu nghid imbaghad meta lil Timothy Gauci li kien ghadu fuq id-dghajsa disgha u disghin fil-mija (99%) WPS 156 ukoll semghetni nghidlu li dan kien qed jigi arrestat. Nghid illi meta t-tlieta (3) li huma kienu ghadhom qeghdin fuq id-dghajsa kont staqsejthom minn fejn kienu gejjin u huma qaluli li kienu hargu bid-dghajsa biex jippruvawha ghax kienet bil-hsara u regghu gew lura. Fuq il-post jien kont fuq struzzjonijiet gejt inkarigata li narresta lill-erba’ (4) imputati. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur u din ghar-raba’ (4) darba jekk kemm il-darba jien meta gejt biex ghidt lill-imputati, l-erba’ (4) imputati ghidtilhom li huma qeghdin jigu arrestati oltre dan il-fatt dak il-hin jien ghidtilhomx xi kliem iehor nghid illi in kwantu bhala caution jien jidhirli li ghidt bhala kliem li kienu qeghdin jigu arrestati u li l-kliem li jidhirli li jien uzajt kien li qeghdin jigu arrestati. Nixtieq nghid illi jien ezattament lill-imputati li ghidtilhom li huma kienu qeghdin jigu arrestati u li ser ikunu investigati minn ta’ l-Immigration. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur is-segwenti illi qieghed jigi suggerit lili illi jien fl-ebda hin ma tajt ir-raguni ta’ l-arrest. Nixtieq nghid illi jien lil Timothy Gauci ahna u telghin bil-vettura lejn Ta’ Kandja ghidtlu u staqsieni ghalfejn sejrin Ta’ Kandja u jien ghidtlu li inti qieghed arrestat ghaliex in qieghed fuq tal-klandestini. Nghid illi jien lill-ohrajn pero`

ma kontx ghidtilhom hekk u lill-ohrajn kont ghidtilhom li kienu qeghdin arrestati u hawnhekk nixtieq naghmel precisazzjoni li lill-ohrajn jien li ghidtilhom kien illi qeghdin jigu arrestati, m'ghidtilhom li qeghdin jigu investigati minn ta' l-Immigrazzjoni pero` nghid illi lil Timothy Gauci dan ghidtulu. Nghid illi t-tlieta (3) li huma li kienu gew bid-dghajsa it-tlieta (3) staqsejthom x'kienu ramew mid-dghajsa u lili kienu irrispondewni li ma kienu ramew xejn. Qed jigi suggerit lili mill-avukat difensur jekk jien lil dawn it-tlieta (3) li kien hemm fuq id-dghajsa ghidtilhomx "armejtuha d-droga?" nghid illi jien lilhom din il-frazi m'ghidtilhomx. Jien nghid illi jien kont qbadt lil tal-Control Room biex igibu lil xi hadd fuq il-post peress li kienu ramew xi haga 'l bahar biex dawn ifittxu ghaliha u huma qaluli li kienu ha jibaghtu lil tad-Drug Squad ukoll. Huma kienu qaluli li kienu infurmaw lis-suldati u dawn kienu ser jigu l-ghada filghodu u nghid illi tad-Drug Squad gew. Qed jigi suggerit lili mill-avukat difensur jekk jiena ridtx li jigu tad-Drug Squad u tlabthom li jigu tad-Drug Squad nghid illi le. Qed nigi mistoqsi jekk jien lill-Ispettur Mario Haber kont infurmajtu li jien kont rajt jintefa' minn fuq id-dghajsa oggett il-bahar nghid illi ma niftakarx li lill-Ispettur ghidtlu. Nghid illi s-superjuri tieghi f'din l-operazzjoni kien l-Ispettur Mario Haber. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur ghaliex allura jien hassejt dwar din il-haga li tefa oggett il-bahar hassejt li kelli ninforma lil tal-Control Room u ma ninfurmax lill-Ispettur Mario Haber dwar dan nghid illi dwar din ghalija ma kienx hemm raguni ghala jien ghidt lil tal-Control Room dwar it-tifi ta' oggett il-bahar u ma kontx ghidt lill-Ispettur Haber. Qed jigi suggerit lili mill-avukat difensur illi jien fil-fatt lill-dawk li kien hemm fuq id-dghajsa kont ghidtilhom il-kliem "armejtuha d-droga?" u jien li ghalhekk fil-fatt kont cempilt il-Control Room u ghidt lil tad-Drug Squad ghaliex jien kelli suspett li kienu ramew id-droga u dwar dan nghid illi dan il-kliem "armejtuha d-droga?" lil dawk li kien hemm fuq id-dghajsa m'ghidtilhomx u nixtieq nghid illi suspetti kienu fuq kollox setghet kienet droga u setghet kienet arma tan-nar. Dan lil dawn il-persuni li arrestajna hemmhekk ma ghidtilhomx dan id-diskors. Neskludi li dan id-diskors ghidtulhom. Li jista' jkun li gara kien illi dawn illi kienu arrestati setghu semghuni nitkellem fuq arma tan-nar. Nghid illi jien bdejt

fuq dan il-kaz fuq struzzjonijiet li ghaddew lili minn ta' qabli u cioe` minghand PS 1210 li dan kellu struzzjonijiet minghand l-Ispettur Mario Haber. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk jien kontx ghidt lil xi wiehed mill-imputati li fuqhom kellna zewg (2) rapporti nghid illi jekk jien ghidt hekk ma niftakarx. Nghid illi ahna u sejrin jien u Timothy Gauci lejn Ta' Kandja huwa kien staqsieni ghalxiex kien gie arrestat u jien ghidtlu minhabba l-immigrazzjoni. Nghid illi jien tkellimna fuq il-vann fis-sens illi jien ghidtlu kemm hu kbir dak il-vann x'magna kellu. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk specifikatament lil Timothy Gauci ahna u sejrin bil-vann lejn Ta' Kandja jien kontx ghidtlu illi ahna l-pulizija kellna zewg (2) rapporti fuqhom dwar dan nghid illi dan id-diskors ma niftakarx li ghidtu lil Timothy Gauci u lanqas ghidt lil xi hadd iehor mill-imputati. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk Timothy Gauci ahna u telghin Ta' Kandja ghidtlux li ahna konna qeghdin nistennew, ilna nistennew biex jaslu fuq il-post ghal certu hin nghid illi ma niftakarx li ghidtlu dan. Jiena nghid illi tkellimt ma Timothy Gauci fuq il-magna tal-vann ghaliex din bdiet timmissja u bdiet tintefa u jien ghidtlu biex joqghod attent ghaliex nispiccaw bla brejkijiet. Nixtieq nghid illi ahna imbaghad meta jien u l-imputat konna diga` wasalna Ta' Kandja imbaghad kienu gew il-pulizija tal-mobile ghalina u kienu wassluna. Jien ghaddejt lil Timothy Gauci lil tal-mobile u tal-mobile ghaddew lil Timothy Gauci lil tal-lock up. Nghid illi rigwardanti Anthony Muscat dan kien mill-mument illi hu kien gie arrestat sakemm dam allura taht arrest fil-prezenza tieghi dan, tul l-operazzjoni kollha li damet jidhirli madwar nofs siegha, in kwantu ghal Simon Muscat u Lawrence Muscat nghid dawn damu taht arrest fil-prezenza tieghi ghal madwar ghoxrin (20) minuta u nghid illi Timothy Gauci dam iktar. Jien lil Anthony Muscat, Simon Muscat u Lawrence Muscat ghaddejthom lil WPS 156 u lil PC 40 tal-mobile u dawn kellhom jehduhom l-lock up. Nghid illi in kwantu ghal Anthony Muscat, Simon Muscat u Lawrence Muscat nghid illi ttiehdu minn fuq il-post ghal habta ta' xis-siegha ta' filghodu (1am) u nghid illi anke kienet skorriet is-siegha tat-12 ta' Marzu 2005. Jiena ma ccekkjajtx fi x'hin kienu waslu dawn il-lock up. Jien nikkonferma li Timothy Gauci fil-prezenza tieghi d-

dghajsa hadha Ta' Kandja u mbaghad kien hemm problema fejn ser titpogga din id-dghajsa u ghalhekk ghadda certu hin. Nixtieq nghid illi fuq il-post M'Scala in charge konna jiena u WPS 156. Nghid illi qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur ghal kaz ta' decizjoni min minnha jiddeciedi f'kaz t'a decizjoni nitkellmu ma' l-Ispettur. Nghid illi jien ghazilt illi nghid illi ncempel il-Control Room flok l-Ispettur u cioe` lill-Ispettur Mario Haber dwar l-oggett mitfugh il-bahar nghid illi ma kien hemm l-ebda raguni specifika u nghid illi pero` dan il-kaz u allura qed nigi mistoqsi ghaliex allura meta ikollna fuq decizjoni bejn jien u WPS 156 min kien ser jiddeciedi nghid illi jien irrispondejt illi imbaghad incemplu lill-Ispettur nghid illi f'dan il-kaz la ma kienx hemm konflitt ma kelliex ghalfejn incempel lill-Ispettur. Nghid illi pero jien kont l-ufficcjal illi lill-imputati kont ghidtilhom li dawn kienu qeghdin jigu arrestati. Nghid illi bhala procedura normali ahna tad-distrett meta nkunu rridu assistenza nitolbuha l-Control Room." (Sottolinjar tal- Qorti)

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall- brani mid-depozizzjoni ta' WPS 156 Sonia Parascandolo, li fis-Seduta tas-17 ta' Awwissu 2005, inter alia,qalet: "Nghid illi fil-11 ta' Marzu tas-sena 2005 jien kont qeghda duty night watch l-Ghassa ta' Haz-Zabbar u jien kif dhalt inghatajt handover mis-Surgent PS 1210 u dan qalli illi ftit qabel il-pulizija kien dahlilhom rapport illi kien hemm karru tad-dghajjes gewwa Wied il-Ghajn u minn struzzjonijiet li kien hemm mill-Ispettur Mario Haber ahna kellna nhallu fixed point ma dan il-karru. Dan meta jigi s-sid tal-vann dan il-karru jinzamm u ninfurmaw lill-Ispettur Mario Haber. Nghid illi poggejna lil PC 1607 fixed point night watch hdejn dan il-karru. Hawn nixtieq nippreciza li l-karru kien qieghed ma vann tal-marka Dodge u ghalhekk dan il-pulizija kellu jara li meta jigi s-sid ta' dan il-vann li mieghu kien hemm dan il-karru jinforma lilna. Ahna sadanittant bdejna n-night watch l-ghassa normali pero` nghid illi ghal habta qisu ta nofs il-lejl neqsin kwart, nofs il-lejl, konna ghamilna patrol gewwa l-akwati ta' Wied il-Ghajn Haz-Zabbar. Hin

minnhom meta ahna ghaddejna minn hdejn il-karru innutajna li PC 1607 ghajjtilna u qalilna li sid il-vann kien qieghed hemmhekk. Patrol konna jien, PS 1428 u P 438. Ahna konna qeghdin b'karozza tas-servizz Skoda u ahna nzilna mill-karozza. Ahna avvicinajna l-persuna li kien indikalna l-pulizija bhala sid il-vann u ahna avvicinajnieh, talbnieh jidentifika ruhu u gab l-ID card minn gol-vann, staqsejnieh x'kien ser jaghmel bil-vann u dan qalilna li huh kien ghadu kemm cempillu biex itellaghlu l-vann hdejn l-iskola ta' H'Attard. Dak il-hin ahna ghidnielu li hu kien qed jigi arrestat u ghidnielu wkoll biex hu jigi maghna. Jien infurmajt b'dan lill-Ispettur Mario Haber. Din il-persuna li arrestajna qed naghrafha bhala wiehed mill-imputati prezenti fl-Awla u dan huwa l-imputat Anthony Muscat. Sa dak il-hin imbaghad ahna konna sejrin il-lock up bih u konna l-istess persuni bhala pulizija li konna qeghdin fil-patrol u nghid illi PC 1607 baqa' hemmhekk mal-vann u l-karru. Ahna giena suspett fis-sens illi hsibna illi dan il-vann u l-karru kienu sejrin bih gewwa xi slip way ohra biex itellghu xi dghajsa u konsegwentment iddecidejna li nibqghu naghmlu patrol billi nghaddu ma' l-slip ways li hemm max-xatt. Kif ahna konna ghaddejjin minn max-xatt innutajna power boat li kienet diehla bil-mod hafna u ahna ghalhekk dawwarna u ghalhekk morna lura hdejn l-islip way fejn kien hemm id-Dodge bil-karru. Ahna qghadna ftit hemmhekk sakemm innutajna li l-power boat kienet diehla hdejn l-islip way. Fil-fatt kif kienet ghadha l-boghod pero` innutajnieha li din ser tikser ghal go l-islip way ahna hrigna minn gol-karozza, precizament jien flimkien mas-Surgent Delia, PC 438 baqa' ma Anthony Muscat gewwa l-karozza. Ahna hrigna fuq il-pont, ahna bdejna naghmlu sinjal lil tad-dghajsa sabiex jidhlu 'l gewwa. Ahna nnutajna li dawn kienu tlett irgiel, u li niftakar li wiehed minnhom zgur kien qieghed bil-qeghda. Kien hemm iehor li kien dahru lejna u iehor kien ftit iktar 'l hemm minnu. Dawn bdew jaghmlu movimenti fis-sens illi d-dghajsa bdiet taghmel movimenti fis-sens li ma jafux x'se jaghmlu fis-sens illi bdew qishom dehlin u daqqa hergin. Dak il-hin is-Surgent Delia li kellu torch kbir mieghu beda jaghmel sinjal bit-torch halli jidhlu u beda jghajjat u jghidilhom ukoll f'dan is-sens. F'hin minnhom smajt lis-Surgent jghidli li kienu ramew xi haga 'l bahar u in the meantime dawn

dahlu, rabtu l-lanca, ahna nizzilnihom l-art fis-sens illi ahna ghidnielhom biex jinzlu fuq l-art, dak il-hin ahna konna ghadna ma tlajniex fuq id-dghajsa. Jien immedjatament infurmajt lill-Ispettur Mario Haber mill-ewwel u wkoll infurmajt il-control room sabiex dawn jibghatulna l-ghajnuna. Dak il-hin ukoll waslu l-pulizija tal-mobile fuq il-post, fil-fatt waslu zewg (2) units tal-mobile li bdew jassistu lilna. Kif nizzilna lil dawn l-irgiel minn fuq din il-power boat il-mobile ta' wiehed minnhom daqq u min irrisponda l-mobile, wiehed minn dawn l-irgiel, qal il-kliem wrong number. Ahna ghidnielhom dak il-hin li huma arrestatiu ahna wkoll kellna nehdulhom il-mobiles. Il-mobiles ma tfejnihomlhomx pero` dawn il-mobiles baqghu idoqqu kontinwament. Fil-fatt nghid illi jien elevajt zewg (2) mobiles. Jien bqajt fuq l-art ma dawn it-tlett (3) irgiel. Nixtieq nghid illi minn dawn it-tlett (3) irgiel, tnejn (2) baqghu hdejna fuq l-art. In kwantu ghal dawn it-tlett (3) irgiel li kien hemm fuq id-dghajsa nghid illi dawn huma t-tlett imputati l-ohra li hawn prezenti fl-Awla barra ovvjament l-imputat Anthony Muscat li kif diga` ghidt dan kien baqa' fil-karozza mal-pulizija. Nghid illi PS 1428 u PC 40 li huwa pulizija tal-mobile nizlu ma wiehed mill-imputati gewwa l-power boat biex jaghmlu spezzjoni u kif regghu telghu PC 40 lili ghaddieli GPS u nghid illi PS 1428 lili qalli illi gewwa d-dghajsa hemm hafna remettar. Dak il-hin lil dawn it-tlett persuni ghidnielhom li kellhom jigu maghna l-lock up u fil-fatt nghid illi l-imputat Timothy Gauci mar ma PS 1428 biex il-vann Dodge flimkien mal-karru u l-lanca fuqu tittiehed gewwa Ta' Kandja u nghid illi imbaghad jien flimkien mal-pulizija tal-mobile hadna liz-zewg imputati l-ohra li kienu nizlu minn fuq il-power boat u hadnihom gewwa l-lock up tad-Depot. PC 1607 baqa' xorta fixed point peress illi kienet intefghet xi haga l-bahar. Nixtieq nghid illi kif wasalna l-lock up saret search fuq l-imputati li ahna konna nizzilna l-lock up u nghid illi kif hareg tal-lock up lili ghaddieli zewg wet suits. Imbaghad gie l-imputat Timothy Gauci flimkien ma PS 1428 u saret ukoll search fuqu." "........................................." "Dawn kienu parti mill-ghajnuna li kienu baghtulna l-control room. Nghid illi jien meta PC 40 kien ghaddieli l-GPS jien bl-ebda mod ma missejtu, jien kull ma ghamilt, ghaddieh lili u jien imbaghad ghaddejtu l-lock up fejn dan gie fil-prezenza

<u>tieghi dan il-GPS gie issigillat u dan ukoll fil-prezenza ukoll ta' tlieta (3) mill-erba' (4) imputati u nghid hekk ghaliex Timothy Gauci kien ghadu ma wasalx. Lili hadd ma kien qalli l-imputati ta' min kien dan il-GPS. Jien certa li l-GPS dak il-hin li ghaddiehuli PC 40 kien mixghul. Nghid illi l-GPS gie mitfi d-Depot u jidhirli illi minn PS Rogers. Setgha ukoll kien PC 40 li tefa' l-GPS."</u> (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro ezami, l-istess xhud fl-istess Seduta, qalet: "Jien fuq il-GPS ma ghamiltx ircevuti, dan kien kompitu tal-lock up. Il-procedura normali hi li l-lock up ikollhom x'jaqsmu mal-hrug ta' l-ircevuti. Nghid illi xi hadd mill-imputati kien zgur mieghi fil-karozza meta jien kelli l-GPS ghandi pero` ma niftakarx min liema mill-imputati. Jiena certa illi fil-karozza tieghi kien hemm wiehed mill-imputati ghaliex l-imputati gew imqassmin fi tlett karozzi, u dawn vuoldieri f'zewg karozzi tal-mobile u f'karozza tas-servizz. Naghmel korrezzjoni fis-sens illi jien certa illi fil-karozza li kont fiha jien wiehed mill-imputati kien hemm zgur, li m'inix certa hu jekk l-imputati l-ohrajn tpoggewx go karozza wahda jew f'zewg karozzi. Jien mort id-Depot bil-karozza Skoda tad-Distrett ta' Haz-Zabbar. Din il-karozza li mort biha d-Depot konna zgur jien, PC 438, ma niftakarx jekk kontx soqtha jien il-karozza jew kien saqha l-iehor. Nghid illi ahna meta tlaqna minn fuq il-post kemm jien kif ukoll il-pulizija tal-mobile tlaqna kollha fl-istess hin. Nghid illi bhala l-arrest ta' l-imputati sar minni u minn PS 1428. Nghid illi kemm jien u kemm PS 1428 konna ghidna lill-imputati li dawn kienu qeghdin jigu arrestati u nghid illi ahna lill-imputati ghidnielu li huma kienu qeghdin jigu arrestati u kienu qeghdin ukoll jigu investigati mill-Ispettur Mario Haber fuq traffikar ta' klandestini. Nghid illi jien u dan qed issirli fuq domanda tad-difiza nghid illi jien certa li smajt lil PS 1428 dan id-diskors jghidu u ghidtu jien ukoll dan. Nixtieq nghid wara li saritli domanda mill-avukat difensur dwar il-fatt illi PS 1428 Delia u dan wara li l-avukat difensur qrali bran mid-deposizzjoni ta' l-istess PS 1428 Delia li tinsab a fol 171 tal-process fejn is-Surgent Delia kien cahad li hu lill-imputati barra lill-imputat Timothy Gauci kien qalilhom ir-raguni ta' l-arrest pero` qal li kien qalilhom li kienu qeghdin jigu arrestati pero` ma kienx ta r-

raguni ta’ l-arrest dwar dan nixtieq naghmel precisazzjoni u nghid illi fis-sens illi dwar dak li xhedt illum jien certa li lil dawn l-imputati kont ghidtilhom kemm li kienu qeghdin jigu arrestati u kemm ukoll ir-raguni ta’ l-arrest kif diga` semmejt pero` nghid illi in kwantu ghal PS 1428 nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens illi li smajtu jghid kien illi huma kienu qeghdin jigu arrestati u nixtieq nghid illi fil-fatt nixtieq naghmel korrezzjoni u nghid illi lis-Surgent 1428 ma smajtux jghid lill-imputati illi huma kienu qeghdin jigu investigati fuq traffikar ta’ klandestini. Qeghdha nigi mistoqsija mill-avukat difensur l-ghala jien fil-bidu kont ghidt li kont certa li r-raguni ta’ l-arrest konna ghidnielhom kemm jien u kemm PS 1428 u li issa ghamilt korrezzjoni dwar dan nghid illi jien ghamilt din il-korrezzjoni ghax jien meta l-ewwel kont certa d-diskors ma kontx iccarajtu ezatt pero` jien nghid illi zgur kont smajt lil PS 1428 jghid lill-imputati li kienu qeghdin jigu arrestati. In kwantu ghla dka li xhedt fil-bqija tad-deposizzjoni tieghi salv din il-korrezzjoni u fejn hassejt opportun illi nikkoregi ruhi u nikkjarifika nghid jien dwar ix-xhieda tieghi jien kont cara. Jien ma hassejtx l-importanza dwar dan ghaliex peress li jien konna zewg Surgenti flimkien, jien u PS 1428 qeghdin immexxu dan il-kaz u r-ragunijiet ta’ l-arrest kont tajthom jien ma rajtx il-htiega ta’ daqshekk importanza fuq il-kwistjoni dwar jekk PS 1428 kienx ta ir-ragunijiet jew le. Nghid illi jien lil Lawrence Muscat u lil Simon Muscat kont tajthom kemm ir-raguni ‘l ghala kienu qed jigu arrestati u spjegajtilhom illi kienu qeghdin jigu arrestati u li kienu qeghdin jigu investigati mill-Ispettur Mario Haber dwar traffikar ta’ klandestini. Nghid illi ahna meta konna tlabna lil control room ghall-ghajnuna ma specifikajniex li ridna l-ghajnuna specifika tad-drug squad. Nghid illi ghall-ghajnuna jien tlabtha mill-control room u l-ghajnuna mill-control room jien cempilt. Ma nafx jekk haddiehor cempilx ukoll ghall-ghajnuna mill-control room. Mistoqsija jekk nafx jekk PS 1428 cempilx ukoll ghall-ghajnuna mill-control room nghid li ma nafx. Qed nigi mistoqsija mid-difiza jekk fil-fatt u qed jigi suggerit lili dan li PS 1428 ukoll cempel il-control room nghid illi jien ma nafx. Jien kont miexja taht struzzjonijiet ta’ l-Ispettur Mario Haber. Qed nigi mistoqsija ghaliex jien ma kontx tlabt ghall-ghajnuna direttament billi ikkuntattjajt lill-Ispettur Mario Haber nghid

illi l-procedura hija li ahna ncemplu ghall-ghajnuna lill-control room u mhux nitolbu l-ghajnuna direttament lill-Ispettur. Qed nigi mistoqsija mid-difiza jekk fil-prezenza tieghi PS 1428 kienx tkellem fuq xi droga ma’ l-imputati nghid illi dan id-diskors ma kienx sar fil-prezenza tieghi jekk sar. Jien certa li l-imputati Lawrence Muscat u Simon Muscat jien kont tajthom ir-raguni ta’ l-arrest. Ir-raguni ta’ l-arrest kienet illi huma kienu ser jigu investigati dwar traffikar ta’ klandestini u dan taht l-Ispettur Mario Haber. Jien certa li din ir-raguni lil dawn l-imsemmija imputati kont tajthielhom dwar l-arrest. Nghid bejn wiehed u iehor f’dak il-hin li jien ghidt lil Lawrence Muscat u Simon Muscat ir-raguni ta’ l-arrest PS 1428 kien qisu boghod madwar tul din l-Awla u jien ma nafx jekk dan kienx semghanix. Jien jidhirli li dak il-hin li kont qeghda naghti r-raguni ta’ l-arrest lill-imputati Lawrence Muscat u Simon Muscat jidhirli illi PS 1428 kien qieghed jitkellem ma xi wiehed mill-imputati l-ohra. Jien fl-ebda hin ma smajt quddiemi xi haga dwar droga. Nghid illi in kwantu meta jien tajt ir-raguni ta’ l-arrest lil Lawrence Muscat u lil Simon Muscat nghid ghidt illi PS 1428 jidhirli li kien ma xi imputat iehor jidhirli li l-imputat l-iehor kien Timothy Gauci. Nghid illi in kwantu ghall-imputat Anthony Muscat dan kien baqa’ maghluq fil-karozza ma PC 438. nixtieq nghid illi jien fl-ebda hin ma nzilt gewwa d-dghajsa u konsegwentement x’diskors setgha intqal bejn il-pulizija u l-imputati waqt li kienu god-dghajsa jien ma nafux. Jien ma kont rajt lil hadd jarmi xi haga minn god-dghajsa. Nixtieq nghid illi lili s-Surgent Delia PS 1428 kien qalli illi kienu ramew xi haga.

Qeghdha nesebixxi bhala Dok WSP 1 notament li jien kelli quddiemi waqt id-deposizzjoni tieghi. Dawn il-punti li jien ghadni kif esebejt kont ghamilthom dakinhar kif kont wasalt l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar.”

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghall- brani mid-deposizzjoni ta’ l-Ispettur Sandro Zarb li fis-Seduta tad-29 ta’ Settembru 2005, inter alia, qal: “Nghid illi fix-xahar ta’ Marzu ta’ din is-sena 2005, jien kont gejt in konoxxenza tramite l-Ispettur Mario Haber li kienet ghaddejja investigazzjoni rigward in kwantu ta’ zbark ta’ cittadini barranin fuq xtut Taljani u fil-kors ta’ din l-investigazzjoni

kienu gew arrestati l-imputati prezenti fl-Awla. Pero` f'dak l-istadju ma kontx involut fl-investigazzjoni. Sussegwenti ghal din l-investigazzjoni kienu graw incidenti ohrajn fejn jien kont involut imbaghad fl-investigazzjoni flimkien ma' l-Ispettur Christopher Pullicino u l-Ispettur Mario Haber u dan kien fl-ahhar tax-xahar ta' Marzu 2005. Inzid nghid illi bhala investigazzjonijiet u trattattivi li kienu ghaddejjin ma l-awtoritajiet Taljani fl-14 ta' April tas-sena 2005 kienu inbaghtu lura hawn Malta tlieta u erbghin Ciniz (43) li kienu irgiel u nisa u kienu gew arrestati mill-awtoritajiet Taljani f'zewg incidenti separati u cioe` fil-lejl tat-3 ta' Marzu tas-sena 2005 u fil-lejl li kien jirrigwarda din l-investigazzjoni partikolarment dan il-kaz fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Marzu tas-sena 2005. Jidhirli li minn dawn ic-Cinizi li inbaghtu lura Malta kien hemm tlieta u ghoxrin (23) li kienu jappartjenu ghall-ewwel grupp u cioe` allura ghal dak li jirrigwarda l-lejl tat-3 ta' Marzu u ghoxrin (20) ohra li kienu jirrigwardjaw il-lejl li jirrigwardja l-investigazzjonijiet mertu ta' dan il-kaz. Inzid nghid illi meta dawn ic-Cinizi intbaghtu lura Malta fl-14 ta' April 2005 jien kont tkellimt tramite l-interpretu uhud minn dawn l-ghoxrin (20) persuna. Ittiehdu wkoll stqarrijiet taghhom fejn fost l-ohrajn dawn gew mitluba jaghtu deskrizzjoni tal-mezzi, il-persuni u l-mod ta' kif huma twasslu fuq ix-xtut ta' Sqallija. Nghid ukoll illi inghataw struzzjonijiet partikolari specjalment ghal mezz li intuza minhabba l-fatt li dawn kollha stqarrew li dak li sehh, sar matul il-lejl u kien hemm problema minhabba nuqqas ta' dawl biex setghu jaghtu dettalji, bhal ismijiet, numri ta' registrazzjoni eccetra. Inzid nghid ukoll illi parti mill-investigazzjoni flimkien ma l-Ispettur Chris Pullicino u ufficjali ohra nhar il-Hadd 17 ta' April ta' din is-sena 2005, dawn il-persuni kienu ittiehdu gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija gewwa Ta' Kandja fejn kien hemm hames (5) dghajjes mertu ta' l-investigazzjoni li kienu mizmuma mill-pulizija f'dan il-post. Inzid nghid illi dawn ic-cittadini Cinizi fil-prezenza ta' interpretu talbu biex jaraw jekk jidentifikawx xi wahda mid-dghajjes prezenti. Nghid illi dawn id-dghajjes kienu qeghdin maqsumin fi tnejn magenb xulxin, tnejn immedjatament warajhom u wahda li kienet iktar lura minnhom. Dawn ic-Cinizi kienu qeghdin jinzammu appaltati wara l-ahhar dghajsa li kien hemm. Hua kienu mizmuma u ma kellhomx vizwali tad-

dghajjes illi kien hemm. Inzid nghid illi zewg dghajjes illi kien hemm fuq quddiem kienu mizbughin bl-istess skema u cioe` homor u suwed u huma simili hafna ghalkemm wahda minnhom hija izghar mill-ohra. Izghar b'xi metru u nofs jew zewg metri. Inzid nghid illi wahda minn dawn iz-zewg dghajjes ta' quddiem kienet proprju d-dghajsa illi kienet giet mizmuma mill-pulizija fil-lejl bejn it-12 u t-13 ta' Marzu 2005 u d-dghajsa u li hija d-dghajsa in kwistjoni mertu ta' din l-investigazzjoni. Inzid nghid illi l-pulizija ikkoncentrat l-isforzi taghha l-aktar fuq dawn iz-zewg dghajjes li kien hemm fuq quddiem. Inzid nghid ukoll illi ghalkemm dawn ic-cittadini Cinizi inghataw l-opportunita` anke li jezaminaw minn gewwa dawn iz-zewg dghajjes ma kienx hemm identifikazzjoni posittiva mija fil-mija pero` uhud minnhom specjalment fil-konfront tad-dghajsa mertu ta' din l-investigazzjoni cioe` id-dghajsa bl-isem "Little M" huma jghidu illi hija simili u taw ukoll dettalji bhal niftakar illi semmew illi kien hemm ir-railings fuq id-deck tad-dghajsa u li kienu simili. Semmew ukoll li d-dghajsa kellha zewg portholes u semmew ukoll li kellha tlett (3) muturi, semmew ukoll li kien hemm similjanza kif kien imqassam taht id-dghajsa u cioe` illi kien hemm post fejn wiehed joqghod bil-qeghda fuq iz-zewgt ignub tad-dghajsa minn gewwa". (Sottolinjar tal- Qorti)

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tal-Ispettur Chris Pullicino li fis-Seduta tad-9 ta' Dicembru 2005, inter alia, qal: "...............................................................................................................................

"Inzied nghid li aktar tard fl-14 t'April, 2005 kienu ngiebu minn Sqallija 43 persuna ta' nazzjonalita' Ciniza minhabba l-fatt li dawn allegatament kienu telqu minn Malta klandestinament. Ahna rajta minn minnhom kien involut fl-incident ta' bejn il-11 u t-12 ta' Marzu 2005, konna akkumpanjajnihom lejn ta' Gandja fejn kellna d-dghajjes kollha li kienu gew maqbuda mill-Pulizija biex jghidulna jekk jgharfux xi dghajjsa minnhom u nispjega li l-procedura kienet li dawn ahna tellghajnihom f'coach

bdejna nnizluhom fejn il-gate nispjegawlhom x'riedna minn ghandhom u nghadduhom minn fejn id-dghajjes kollha li kienu ipparkjati kollha bazikament fl-istess area.

Eventwalment hafna mid-dghajjes dawn ic-Cinizi lanqas biss taw kazhom kien hemm fost ic-Cinizi minnhom li ma gharfu l'ebda dghajjsa u kien hemm ohrajn lib dew jieqfu specifikament fuq id-dghajsa li kienet giet sekwestrata u rigwardanti dan il-kaz tal-11 ta' Marzu u ma dghajjsa ohra li kienet ma genb din id-dghajjsa u li kienet simili taghha u kienet ukoll bl-istess kulur.

Inzid ngihd il xi Cinizi minnhom partikolarment ghad-dghajjsa li giet sekwestrata lill-imputati taw dettalji partikoari fosthom per ezempju wiehed minnhom ta dettalji partikolari fejn huwa imwahhal ir-railing fuq id-deck u huwa qalilna specifikatament li kien zamm mieghu meta kien telgha fuq id-dghajjsa.

Kien hemm ohrajn li gharfu l-hatches li hemm fuq id-deck ghall-fatt li kien hemm aktar minn hatch wahda fil-fatt kien hemm tnejn u xi Cinizi li gharfu dawn il-hatches ftakru li l-hatches kienu bla bieba propjament bhad-dghajjsa li giet sekwestrata mill-imputati. Ohrajn ftakru ukoll li din id-dghajjsa li marru biha kienet bi tlett muturi.  Kien hemm iehor li qal illi l-mod kif toqghod fid-deck f'din id-dghajjsa sekwestrata mill-imputati hija simili ghad-dghajjsa li kienu marru biha lejn Sqallija pero' ma setax jghid bl-ezatt ghax kienu marsunin hafna." (Sottolinjar tal- Qorti)

Issa  l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PC 40 Raymond Saliba li fis-Seduta ta' l-1 ta' Frar 2006, qal: "Nghid illi fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Marzu tas-sena 2005, jien kont qieghed nghid patrol fuq l-area ta' Wied il-Ghajn u l-akwati tal-vicin.  Kmieni filghodu tat-12 t'a Marzu 2005 kien dahlilna rapport fil-Control Room biex ninzlu ahna mal-moll ta' Wied il-Ghajn ghax raw xi dghajsa diehla u precizament xi speed boat riesqa lejn l-art.  Ahna inzilna hdejn il-Knisja ta' Wied il-Ghajn fejn hemm l-islip way u ahna sibna l-power boat diehla bil-mod lejn il-moll. Din il-power boat trakkat mal-moll, u gew ukol sadanittant pulizija mid-Distrett, u unit ohra mill-Mobile Squad u jien

tlajt fuq l-ispeed boat, dhalt ukoll gewwa, u illi taht is-seat fuq wara tal-power boat sibt GPS. Jien ghaddejtu lis-Surgent tal-Pulizija tad-Distrett jigifieri hadu over tad-distrett. Fuq id-dghajsa kien hemm tlieta (3) min-nies. Naf li dawn kienu mill-Mosta u kienu jigu minn xulxin. Dawn kienu Simon Muscat, Lawrence Muscat u Anthony Muscat. Mistoqsi jekk oltre l-GPS sibniex xi oggetti ohra nghid illi le ma jidhirlix. Ma niftakarx jekk kienx tela' xi hadd iehor minn tal-pulizija mieghi fuq id-dghajsa. Mistoqsi jekk nafx jekk il-GPS kienx mixghul jew mitfi nghid illi ma nafx ghaliex jien kif elevajt dan il-GPS mill-ewwel ghaddejtu lis-Surgent tad-Distrett. Naf illi jien li ghaddejt kien lis-Surgent tad-Distrett li kien duty dakinhar ta' Haz-Zabbar. ahdar li qed jigi infurmat lili li huwa Anthony Muscat bhala wiehed mill-persuni Nghid illi mill-persuni li ahna arrestajna naf illi xi hadd minnhom konna tellajnieh id-Depot. Fil-fatt jekk m'inix sejjer zball dawn it-tlett (3) persuni kienu telghu d-Depot separatament. L-imputati Anthony Musact, Simon Muscat, u Lawrence Muscat qed naghrafhom prezenti fl-Awla bhala t-tlett persuni (3) li ahna sibna fuq id-dghajsa dakinhar. Nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens illi jien qieghed naghraf wiehed mill-imputati liebes qmis hadra, li qed nigi nfurmat li huwa l-imputat Anthony Muscat. Nixtieq nghid ukoll illi l-imputati l-ohra prezenti fl-Awla mhux qed naghrafhom u ghalhekk qed naghmel korrezzjoni ghal dak li ghidt qabel illi fil-fatt kull ma qieghed naghraf lill-persuna li liebsa qmis ta' kulur ahdar li qed jigi infurmat lili li huwa Anthony Muscat bhala wiehed mill-persuni li kien hemm fuq id-dghajsa dakinhar." (Sottolinjar tal- Qorti)

In kontro ezami, l-istess xhud, fl-istess Seduta,inter alia, qal: "..................."
"Meta wasalna fuq il-post kien hemm diga` ukoll il-pulizija tad-Distrett. Jien nghid illi jien tlajt fuq id-dghajsa meta d-dghajsa kienet ghadha fuq il-bahar. Jien fuq id-dghajsa tlajt minn jeddi. Jien l-ewwel pulizija li tlajt fuq id-dghajsa u l-pulizija l-ohra kienu mal-moll. Nghid illi imbaghad wara d-dghajsa kienet giet irmunkata fuq trailer, liema trailer kien ma xi vann pick up kbir. Fuq domanda tad-Difiza jekk mieghi jew warajja telax xi pulizija fuq id-dghajsa nghid illi ma niftakarx. Nghid illi l-GPS kien qieghed taht

is-seat fuq il-parti ta' wara tad-dghajsa. Jien lis-Surgent tad-Distrett ghidtlu li sibt dan il-GPS li kien qieghed fuq wara taht is-seat tad-dghajsa u jien ghaddejtulu. Nghid illi jien tlajt fuq id-dghajsa biex infittex biex nara jekk insibx xi haga li tkun relevanti ghall-investigazzjonijiet taghna. Jiena kont naf li l-investigazzjoni kienet fuq garr minn Malta ta' persuni. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk fil-fatt kenitx investigazzjoni fuq drogi nghid illi ma rajtx li kienet fuq hekk. Nghid illi jien ma nghatajt l-ebda struzzjoni minn xi superjur tieghi biex jien naghmel is-search li ghamilt fuq id-dghajsa, din jien hassejt li kelli naghmilha u hekk ghamilt. Jien qabel ma tlajt fuq id-dghajsa biex naghmel is-search ma kont infurmajt hadd mill-pulizija li kien hemm prezenti li kont ser naghmel is-search. Jien meta tlajt fuq id-dghajsa, tlajt god-dghajsa u tul is-search kollha li jien ghamilt fuq id-dghajsa jien wahdi kont bhala membru tal-pulizija. Bhala li jien zgur hu li dak il-hin li jien ghamilt it-tfittxija bhala pulizija fuq id-dghajsa jien biss kont. Nghid illi sakemm jien domt fuq id-dghajsa bhala pulizija jien biss kont. Qed nigi mistoqsi mid-difiza u qed jigi suggerit lili li dak il-GPS jien poggejtu fuq id-dghajsa u nghid illi jien nichad dan. Nghid illi jien meta inzilt isfel fil-parti ta' quddiem tad-dghajsa nghid illi hemmhekk ma kien hemm hadd u nghid illi l-GPS sibtu fuq in-naha ta' wara nett tad-dghajsa fejn kien hemm bank tal-foam li kien tar-rexin u dan il-GPS kien qieghed taht dan il-bank. Dan il-bank qieghed fuq id-dghajsa. Qed nigi mistoqsi jekk niftakarx illi kienx hemm xi hadd mit-tlett persuni li kien hemm qabel fuq id-dghajsa kienux qeghdin prezenti waqt li jien ghamilt is-search fuq id-dghajsa nghid illi jien ma niftakarx. Mistoqsi mid-difiza jekk ranix xi hadd insib dan il-GPS nghid illi ma nafx. Jien kif immedjatament inzilt minn fuq id-dghajsa ghaddejt il-GPS lis-Surgent tad-Distrett. Nghid illi jien x'inhu GPS fis-sens illi ttih bearing u fejn ittih il-bearing iwasslek jien dakinhar kont naf x'inhu GPS u dan dakinhar li jien sibt l-imsemmi GPS. Nghid illi bhala daqs tal-GPS dan kien zghir, handy u tista' taqbdu b'id wahda. Nghid illi bhala gholi xi tlieta jew erba' pulzieri (3-4) u bhala tul kien xi sitt pulzieri (6). Dwar il-kulur ta' dan il-GPS nghid illi ma niftakarx ghax dak il-hin kien id-dlam. Dak il-hin kien hemm id-dawl tal-lanterna tal-gvern mixghula. Qed nigi mistoqsi mid-difiza

jekk jien nafx min kien dan is-Surgent tad-Distrett ta' Haz-Zabbar li kien duty dakinhar u li jien ghaddejtlu l-GPS jiena nafx ismu, nghid illi ma nafx u fil-fatt nghid illi lanqas niftakar jekk kienx ragel jew mara. Nghid illi m'inix mija fil-mija (100%) cert imma ghandi dubju li setghet kienet Surgenta mara. Ma nafx imbaghad is-Surgent li ghaddejt il-GPS x'ghamel bil-GPS. Nghid illi fil-hin li jien sibt il-GPS ma rajtx Spettur tal-Pulizija fl-akwati. Sakemm jien kont ghadni fuq il-post ma kontx naf min kien inkarigat mill-investigazzjoni. Nghid illi jien imbaghad kont wassalt wiehed mit-tlett persuni li konna sibna fuq id-dghajsa d-Depot u precizament fil-lock up tad-Depot pero` nghid illi ma niftakarx min kien minnhom. <u>Nghid illi fuq domanda li qed issirli mid-difiza in kwantu ghall-imputat li liebes qmis hadra li qeighed jigi riferut lili bhala Anthony Muscat u li jien ghidt li jien kont gharaftu bhala wiehed mit-tlett irgiel li kien fid-dghajsa, qed nigi mistoqsi jekk fil-fatt dan il-persuna lanqas kien qieghed fuq id-dghajsa nghid illi dik il-persuna li liebsa llum qmsi il-hadra kien qieghed fuq id-dghajsa."</u> (Sottolinjar tal- Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PC 438 Joseph Schembri li fis-Seduta tat-28 ta' Marzu 2006, qal: "<u>Bejn il-11 u t-12 ta' Marzu tas-sena 2005 jien kont qieghed night watch u kont qieghed night watch Haz-Zabbar u fuq xoghol illi kellna ta' hand over kellna informazzjoni illi kienet telqet xi power boat minn Wied il-Ghajn. Jien flimkien ma PS 1428 u WPS 156 qbadna l-karozza u morna nduru fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn. Nghid illi nnutajna li fejn l-islip way kien hemm vann Dodge u jidhirli li dan kellu l-karru u ma kellux, ma kellu l-ebda persuna hdejh. Is-Surgent kien halla xi pulizija ma dan il-vann u ahna bqajna nduru f'inhawi ohra ta' Wied il-Ghajn. Kienu daqqu xi nofs il-lejl (00.00am) u ahna x'hin konna ghaddejjin minn mal-promenade ta' Wied il-Ghajn is-Surgent innota power boat li kienet diehla bil-mod u ddecidejna li mmorru fejn l-islip way u dan fejn kien hemm id-Dodge. Mea wasalna hemmhekk innutajna li l-pulizija li kien thalla fuq il-post kien qed ikellem persuna li kienet giet hemmhekk b'karozza ohra u dan il-persuna kien mar biex jistartja dan il-vann Dodge, u l-pulizija mar ikellmu. Ahna imbaghad konna inzilna mill-karozza u qghadna</u>

hdejn l-islip u l-power boat dahlet bil-mod. Is-Surgent ghajjtilhom lin-nies li kien hemm fuq id-dghajsa biex jitrakkaw imbaghad huma trakkaw normali. Imbaghad din il-power boat tpoggiet fuq il-karru li kien hemm mad-Doge u din ittiehdet jidhirli f'Ta' Kandja. Persuni fuq din il-power boat kien hemm tlieta (3) u jidhirli li dawn konna hadniehom id-Depot u nfurmajna b'kollox lill-Ispettur Mario Haber. Nghid illi jien fuq din l-operazzjoni kont qieghed hdejn il-karozza tal-pulizija konsegwentement il-persuni meta kienu fuq id-dghajsa jien ma kontx rajthom pero` nghid illi jien dawn il-persuni imbaghad rajthom meta kienu fl-art u nghid illi wiehed minnhom gejt ordnat biex niehdu u neskortah id-Depot u nghid illi dan kien wiehed miz-zewg (2) imputati li qieghed nigi infurmat illi jisimhom Anthony Muscat u Lawrence Muscat. Nghid illi dawn it-tnejn (2) jixxiebhu u wiehed minnhom kien dak li jien eskortajt id-Depot. Jioen fid-dghajsa m'ghamiltx tfittxijiet. Lanqas ghamilt tfittxijiet fuq il-persuni." (Sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PC 953 Lawrence Cassar li fis-Seduta tat-28 ta' Marzu 2006, qal: "Nghid illi fil-11 ta' Marzu tas-sena 2005 jien kont qieghed second watch normali u dakinhar jien kont bdejt bahal xoghol mis-siegha ta' wara nofsinhar sad-disgha ta' filghaxija (1pm – 9pm). Nghid illi x'hin kien kwazi dalam jien ircevejt ordni biex immur ghassa ma' vettura li kienet ipparkjata fil-pjazza ta' Wied il-Ghajn fejn il-Knisja fejn hemm il-main slip. L-ordni li kelli kien li min javvicina din il-vettura jien kelli ninforma lill-Ispettur Mario Haber. Nghid illi dan kien, din il-vettura kienet pick up kbira xi Chevrolet jew xi Dodge u kienet vettura kbira Amerikana. Meta wasal il-hin tad-disgha (9pm) il-hin tieghi li kont duty ma tfacca hadd u jien imbaghad tajt hand over lill-kollega tieghi li kien tax-shift ta' warajja. Ma niftakarx min kien il-kollega tieghi tax-shift ta' warajja. Il-vettura kellha karru, nixtieq nghid illi zgur kien hemm karru kbir wara din il-vettura, issa jekk kienx connected ma din il-vettura jew le jien ma nafx. Il-kulur ta' din il-vettura kien ahdar skur. Il-kulur qisu ta' kulur combat green u cioe` qisu ta' l-uniformijiet tal-gwerra. Nghid illi sakemm domt

<u>jien hemmhekk hadd ma resaq lejn il-vettura.” (</u>Sottolinjar tal- Qorti).

F’dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghat-traduzzjoni tad-deposizzjoni tal-Ispettur Carlo Parini li fis-Seduta tal-4 ta’ Ottubru 2006, qal: “<u>Iva, wara li gara xi haga fil-lejl ta’ bejn l-hdax w t-tnax ta’ Marzu 2005, biex inkun preciz, fis-sieghat bikrin ta’ filghodu tat-tnax ta’ Marzu, wara s-saghtejn ta’ filghodu, waqt li kien xoghol bhala gwardjan t’istitut ta’ sorveljanza privata w l-parakadudisti [para troups] maghrufa f’dan x-xoghol f’Merzameme Frazione tal-Komun ta’ Pagino, gew rintraccati iz-zewg cittadini li kienu jidhru somatici orjentali, probabbilment Cinizi.</u> Dak l-hin il-gwardjan induna li kellhom z-zraben imxarrba w il-parti ta’ isfel ta’ gisimhom imxarrba wkoll. Wara dan induna wkoll b’ohrajn li kienu qed jaslu hemmhekk, li kienet t-triq li tghaqqas l-parti [Frazione] ta’ Merzameme mal-Komuni ta’ Pagino, liema triq hija maghrufa bhala Via Citta di Torino. Din hija triq pjuttost isolata w ghadha zona gdida fi stat t’esponsjoni, bi ftit djar, ftit dawk. Hemm biss forsi kumpanijja li tbiegh ingenji u muturi. <u>Wara l-gwardjan cempel lil pulizija tal-istat ta’ Pachino fejn spjegalhom s-sejba ta’ dawn il-persuni u baqa hemm josservhom. Il-pulizija waslu ghal habta tal-erbgha u bdew isibu ohrajn. Sas-sitta w nofs ta’ filghodu fil-Marzameme irnexxielhom isibu hamsa w ghoxrin ohra, wiehed w ghoxrin ragel u erbgha nisa.</u>
Kollha kienu izda ta’ nazzjonalita pseudo ciniza. Dawn gew misjuba u ospitati fic-centru sportiv ta’ Pagino. Wiehed minn dawn irrizulta li kien ma jiflahx u gie rikoverat u ritornat. Kollha ghamlu resistenza passiva. Hadd ma tkellem, hadd ma ried, lanqas wiehed ma qal ismu. Gew kollha identifikati bin-numri, wiehed, tnejn, tlieta, erbgha, hamsa sal-hamsa w ghoxrin. Bi ftit pacenzja jien wasalt fuq il-post ghal habta tad-disgha mal-ispettur tal-iskwadra mobbli ta’ Ragusa u tat-Task Force tal-Immigrazzjoni ta’ Ruma li jahdmu mal-kazijiet urgenti ghal isbarkar tal-klandestini fi Sqallija w irnexxilna nikkonvincuhom, grazzi ghal ghajnuna ta’ interpretu ciniz, tlieta minnhom gew identifikati, mara u zewg irgiel, Selina,

Yuan de Min u Gin. Dawn biss kienu l-ismijiet li huma tawna, mentri l-ohrajn, baqghu jigu ddentifikati bin-numri, u cioe bin-wiehed, tnejn, tlieta li wara taw l-identita taghhom fic-centru ta’ Caltanisetta. Wara l-eskluzzjoni ta’ dawn t-tlett minn miens, giet migbura aktar informazzjoni diversa. Fost din l-informazzjoni kien hemm li dawn kienu waslu Malta mic-Cina bl-ajru b’destinazzjoni mhux specifikata. Wara xi jiem fuq in il-gzira, bil-konoxxenza ta’ maltin ohra u wara pagament ta’ flus li jvarja min tlett elef dollaru amerikan, irnexxielhom dak l-lejl stess, flimkien ma shabhom ohra, jitilqu lejn Sqallija. Gara, effettivament li dawn regghu waslu fix-xtajta taghna f’dik d-data u hin. Din t-triq tinsab f’Marzameme, fuq gewwa. Dan dak li jien hallejt barra, nista’ nipprodci kopja. Irrid nghid xi haga’ ohra. Dawn il-persuni, wara tfixxtija li saret, instabu fil-pussess ta’ telefons cellulari, xi ftit minnhom bil-car, ohrajn minghajr SIM card, karti b’xi notamenti fuqhom u lighters tas-sigaretti bis-salib tal-Kavallieri ta’ Malta. Imbaghad dawn l-affarijiet li kellhom fil-pussess taghhom, bhal sprays u cilindri, lighters, li dsgha w disghin fil-mija kienu kollha minghajr tikketta minn fejn kienu gejjin, kollox barra l-cards tat-telefons cellulari. Infatti biex instab l-e-mail u l-code identifikattiv tat-telefon cellulari, kien hemm bzonn li nixgheluhom kollha biex nindividwalizzat l-e-mail. Irrizulta li wiehed minn dawn t-telefons cellulari kien bil-hsara w ghalhekk kien impossibbli li niddentifikaw l-e-mail. Sussegwentement, mill-investigazzjoni maghmula mill-iskwadra mobbli ta’ Siracusa, tal-iskwadra tal-pulizija extrakomunitarji, irrizulta li kien hemm telefonati li saru minn dawn t-telefons cellulari, fis-sighat li jvarjaw minn filghaxija tal-hdax sal-jum tat-tnax w ghalhekk effettivament kellna hafna konfront ta’ numri Maltin. Ahna ma konniex f’pozizzjoni li niddentifikawhom minghajr l-awtorizazzjoni tal-awtoritajiet maltin, izda qed naghti kopja lil Unur tieghek. Ippresentajt wkoll kopja tax-xtut Taljani mill-Gwardja Costiera Taljana, u cioe tal-post fejn dawn il-persuni sbarkaw. Huwa fejn hemm indikat l-port ta’ Marzameme li hu maqsum fi tnejn ghaliex hemm l-Fossa w il-Balata w ic-centru li hu abitat. Dawn kienu nstabu kemm fuq in-naha ta’ gewwa kif wkoll barra l-pajjiz. Irnexxieli wkoll niehu ritratti tal-hamsa w ghoxrin persuna inkluz t-tnejn li kienu harbu minn Caltanisetta u ta’ whud

minnhom ghandu wkoll l-isem li sussegwentement huma kienu tawna. Presumibilment hafna minn dawn l-ismijiet, jaqblu ma dawk li huma fil-pussess tal-pulizija maltija. Allura qed nghid li hu cert li dawn huma l-istess persuni li Malta kienet accettathom w ahna konna baghtnihom lura. Allura, hawn qed nitkellmu efettivament dwar l-istess persuni ghaliex kemm l-isem u l-informazzjoni personali taghhom, kif wkoll d-dati taghhom, jaqblu.
Ghalhekk hemm xi hadd wkoll simili forsi fil-mod kif jesprimu l-isem ciniz effettivament taghhom, kif jirrizulta mill-passaport originali. Fid-dawl ta' dak kollu, qed naghti kopja ta' dan kollu lilek b'rapport dettaljat ta' kollox. Tenut kont li f'din ir-relazzjoni ma hemm xejn li jimpedixxi minn naha tal-Magistrat Inkwerenti ta' Siracusa li jaghti lil awtorita gudizzjarja Maltija l-fakulta tal-uzu kollu ta' din d-dokumentazzjoni li jien ser naghti lura. Jien nieqaf hawn, u nghid li l-Magistrat Inkwirenti ta' Siracusa jixtieq li jkollu notament minn fejn jirrizulta n-numru tal-procediment li inthom ghandhom f'dawn l-atti, ghaliex f'kaz li jirrizulta li hi r-responsabbilita minn naha tal-awtorita Taljana, dawn in-nies huma wkoll denuncjati ghal atti t'immigrazzjoni klandestina lejn t-territorju Taljan. Is-sottskritt, u cioe l-Ispettur Superjuri tal-Pulizija Taljana Carlo Barni, qed jesebixxi din d-dokumentazzjoni kollha fejn hu precedentement ddikjara w indikah bis-sigla CPP 1. Nixtieq nippreciza li f'din d-dokumentazzjoni li qed nesebixxi, hemm pagni rappresentanti l-konfigurazzjoni morfologika tal-port di Marzameme maqsuma f'zewg gruppi Balata u Fossa u mappa tal-post fejn gew rintraccati l-hamsa w ghoxrin klandestin ta' origini Ciniza. Dan hu kollox."(Sottolinjar tal- Qorti).

F'dan l-istadju il- Qorti taghmel referenza ghall- bran mid-deposizzjoni ta' Martin Bajada li fis- Seduta tal- 4 ta' Ottubru,2006, inter alia, qal: "......................................................................................................." "Nixtieq nghid illi fir-relazzjoni tieghi ghal kull buon fini hemm inserita mappa li tindika lil Malta u ukoll lil Sqallija. U plottjat fuqha hemm informazzjoni li kien hemm fuq il- GBS. Li juri t-tragitt bejn Malta, Marsamemi u lura.Nghid illi l-GBS bhala indikazzjoni spicca il- Furjana. Dan fis-sens illi baqa' tiela' fuq l-art u

<u>spicca il- Furjana.</u>" (Sottolinjar tal- Qorti) – (Ara Relazzjoni tal-espert Martin Bajada esebita fl- atti ta' din il-kawza bhala Dok MB).

Hawn il- Qorti tirrileva li l-artikoli li taha l-Avukat Generali fin- Nota ta'Rinviju tieghu datata 30 ta' Marzu,2009 fil-konfront tal- imputati kollha huma: l-artikoli 28, 32(1)(a) u 33 tal-Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17,20, 23, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 28 tal- Kapitolu 217 jghid:
"28. Kull persuna li tinzel l-art jew timbarka f'Malta ghandu jkollha passaport u ghandha taghti lill- Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg."

Il- Qorti hi tal- fehma li mill- provi prodotti il- Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-htija tal-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci, pero' tali akkuza li tinkwadra ruhha fl-imsemmi artikolu 28 tal- Kapitolu 217 moghti mill- Avukat Generali ma' tirrizultax sodisfacentement ippruvata fil- konfront tal- imputat Anthony Muscat.

Difatti nkwantu  l-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci jemergi b'mod car li dawn kienu ghamlu l-vjagg minn Malta ghall- Sqallija u lura. F'dan ir-rigward taghmel referenza ghar- Relazzjoni tal- Espert Martin Bajjada esebita bhala Dok MB u dak li xehed l-istess espert fis- Seduta tal- 4 ta' Ottubru, 2006) u ukoll ghad- deposizzjonijiet ,inter alia , ta' PS 1428 Jesmond Delia (Seduta tal- 21/6/2005 ) u ta'PC1607 George Vella (Seduta tal- 21/6/2005). F'dan ir-rigward il- Qorti sejra ,senjatament, ticcita is- segwenti brani mid-deposizzjoni ta' PS 1428 Jesmond Delia (Seduta tal- 21/6/2005): "..........................." " Dawn it-tlieta (3) kienu qeghdin fuq id- dghajsa u jien dawn it-tlieta (3) hadtilhom il-*particulars* ......................." "Nixtieq nghid illi in kwantu ghall-imputati kollha prezenti fl-Awla, kif idga' ghidt jien qieghed naghraf lil Lawrence Muscat u Timothy Gauci bhala tnejn (2) li kienu qeghdin fuq id- dghajsa u nghid illi in kwantu ghat-

tnejn (2) l-ohra li qeghdin jigu indikati bhala l-imputati Anthony Muscat u Simon Muscat, nghid illi wiehed minnhom illi ghandu l-isem Simon Muscat kien qieghed mat-tnejn (2) l-ohra fuq id-dghajsa u in kwantu ghal Anthony Muscat nghid illi qieghed jigi indikat lili bhala Anthony Muscat, huwa dak illi kien gie ghal vann."

Mill- kumpless tal-provi prodotti jemergi li dan il- vjagg kien wiehed bi skop illegali u cioe' li jitwasslu klandestini sa Sqallija sabiex dawn il- klandestini jidhlu fi Sqallija illegalment.

Il –Qorti hi ghaldaqstant tal-fehma li l-akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 28 tal- Kapitolu 217 migjuba kontra l-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Rigward l-imputat Anthony Muscat il- Qorti tiddikjara li mill- provi prodotti ma'jirrizultax sodisfacentement ippruvat li dan l-imputat kien presenti fuq il- powerboat matul il-vjagg in kwistjoni u konsegwentement ma setax ikkommetta ir-reat addebitat lilu taht artikolu 28 tal-Kap.217 .

Rigward l-akkuza addebitata lill- imputati kollha u li tinkadra ruhha fl-artikolu 32(1)(a) tal- Kapitolu 217 liema artikolu hu wiehed mill-artikoli moghtija mill- Avukat Generali fin- Nota tieghu datata 30/3/2009 , il- Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sufficjentement ippruvata fil-konfront tal- imputati kollha.
L-artikolu 32(1)(a) tal- Kap. 217 jghid:
"32.(1) Kull persuna li –
(a) tghin jew tassisti lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f' Malta, jew li toqghod gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art, jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-Istat, jew tahbi jew taghti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew ghax tahseb, li tkun qieghda f' Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew" .
Illi it-test Ingliz tal-imsemmi artikolu jghid:

"32. (1) Any person who –
(a) aids or assists any person to land or attempt to land in Malta, or to reside in Malta, contrary to the provisions of this Act, or any person to land or attempt to land, or to reside in , or to leave any other State contrary to the law on entry, residence and exit of that State, or conceals or harbours any person whom he knows, or has reasonable ground for believing, to be in Malta contrary to the provisions of this Act; or".

Il- Qorti qeda ticcita l-artikolu 32(1)(a) tal- Kap. 217 fit- test Malti u dak Ingliz stante li d-Difiza fit-trattazzjoni issottomettiet li l-imsemmi artikolu ma' jipprospettax il-kaz ta' persuna li tkun qed tahrab minn Malta u tigi mghejjuna jew assistita biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f'xi Stat iehor.

Il- Qorti, bir-rispett kollu lejn l- abbli avukat difensur, ma taqbilx ma' tali sottomissjoni. Fil- fehma ta' din il- Qorti kemm it-test Malti u kemm dak Ingliz
tal-imsemmi artikolu jipprospettaw, inter alia, b'mod car, is-sussistenza tar- reat kemm meta xi persuna tghin u tassisti xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f' Malta u kemm ukoll meta tali ghajnuna jew assistenza tkun biex xi persuna tinzel jew tittanta tinzel l-art f'xi Stat iehor.
Il- Qorti issa sejra telenka is-segwenti numru ta'fatti li jemergu mill-provi prodotti dwar is-sussistenza tal- akkuza addebitata lill- l-imputati kollha li tirrigwarda ir-reat li jinkwadra ruhu fl-artikolu 32(1)(a) tal- Kap. 217 u dan meta xi persuna tghin jew tassisti lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f'xi Stat iehor:
(a) : il- versjonijiet differenti li jemergu mill- istqarrijiet tal- imputati:(Ara senjatament deposizzjoni tal- Ispettur Mario Haber – Seduta tal-29/4/2005 u Stqarrijiet relattivi);
(b) :l-informazzjoni li nstabet fil-GPS: Hawn il- Qorti sejra ticcita is- segwenti brani mid- deposizzjoni tal- Ispettur Mario Haber –Seduta tal- 29/4/2005 : "................ wara li l-Court Expter Martin Bajada tana nformazzjoni ta' x'kien sab fil- GPS. Dan ifisser li l-informazzjoni li tana l-Court Expert hija li fil- GPs immarka vjagg li telaq minn Wied il- Ghajn, mar Sqallija Marzanemi fil-post ezatt fejn l-

awtoritajiet Taljani infurmawna li sabu l-klandestini u l-vjagg rega' gie lura Malta.Qalilna wkoll li dan il-vjagg meta wasal Malta il- GPS ma giex mitfi u baqa' jimmarka r-rotta li hadu sad- Depot, minghajr interruzzjoni ta' xejn......" "Il-vjagg huwa wiehed kontienwu minghajr qtugh sad-Depot." "..........................................." "Meta kellimna lil Simon dan ikkonferma li s-satellite mobile u l- GPS huma tieghu.".( F'dan ir-rigward ara ukoll deposizzjoni ta' Martin Bajada – Seduta tal- 4 ta' Ottubru,2006 u Relazzjoni tal-imsemmi espert Martin Bajada esebita fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok MB);

(c) : Fejn instab il- GPS: Hawn il- Qorti sejra ticcita is-segwenti bran mill-kontro-ezami ta'PC 40 Raymond Saliba (Seduta tal- 1/2/2006): ".........". "Nghid illi jien meta inzilt isfel fil-parti ta' quddiem tad-dghajsa nghid illi hemmhekk ma kien hemm hadd u nghid illi l-GPS sibtu fuq in-naha ta' wara nett tad-dghajsa fejn kien hemm bank tal-foam li kien tar-rexin u dan il- GPS kien qieghed taht dan il-bank. Dan il-bank qieghed fuq id-dghajsa".;

(d) : Fl- liema cirkostanzi instabu l-imputati mill- pulizija: Issir referenza ghas- segwenti brani mid-deposizzjoni ta' PC 1607 George Vella (Seduta tal- 21 ta' Gunju, 2005) : " Nixtieq nghid illi fil- 11 ta' Marzu tas-sena kurrenti 2005 jien kont qieghed night watch u dan mid- disgha ta' bil-lejl(9pm) sal- hamsa ta' filghodu (5am) gewwa M'Scala. WPS 156 kienet infurmatni biex jien immur nibdel lil PC 953 li kien qieghed fixed point gewwa M'Scala stess u dan vicin il- Knisja ta' M'Scala, kien qieghed fixed point ma karru ta' dghajsa.Inzid nghid illi jien inzilt hemmhekk u nghid illi kienu ghal xi d-disgha neqsin ghaxra, d-disgha neqsin hamsa ta' filghaxija (8.50pm-8.55pm).Jien hemmhekk sibt lil PC 953 u dan tani l-handover tal- karru u tal- vann u dan il-karru kien qieghed imwahhal ma dan il- vann Dutch. Nghid dan il- vann kellu registration number KBB 598.Nghid illi l-karru ma kellux dghajjes fuqu kien vojt.Nghid illi dan il-karru kellu certu tul, fil-fatt nghid illi kien nahseb iktar minn tletin(30) pied. Jien lill- pulizija li hadt over minghandu infurmani biex jien noqghod attent biex jekk nara xi moviment hdejn dan il-karru, jien immedjatament ninforma l-Ghassa ta' Haz-Zabbar dwar dan. Nghid illi ghal habta tal-kwarta ta' filghodu (00.15am) u allura t- 12 ta' Marzu 2005, gie vann Citroen abjad u dan

il-vann kellu registration number BAO 342. Dan il- vann ipparkja vicin fejn kont qieghed jien u nizel ragel minnu u rajtu dan qed javvicina lill- karru tad-dghajsa. Jien hallejtu lil dan javvicina l-arru u l- vann Dutch. Innutajt li dan fetah il- bieba tad- Dutch, rajtu diehel fih. Nghid illi dak il-hin kienu ghaddejjinhdejn il-post PS 1428, WPS 156, u PC 438, u kienu gejjin b'karozza. Jien waqqafthom, huma nizlu, u jien ghidtilhom li dak ir-ragel illi dahal fil-vann nahseb li ser jistartja l-vann. Nghid illi imbaghad mar PS 1428 ikellem lil dan ir-ragel. Imbaghad gew tal-mobile u dan ir-ragel arrestajnieh. Jien lejn dan ir-ragel ersaqt lejh, u kien is-Surgent illi kellmu.Jien ftit li sejn kellimtu. Lil dan ir-ragel qieghed naghrfu prezenti fl-Awla u qieghed nindikah bhala l-imputat Anthony Muscat u jidhirli li kienu tal-mobile illi imbaghad kienu arrestawh lill- imputat Anthony Muscat. Jien bqajt fuq il-post. PS 1428 tani struzzjonijiet biex jien nibqa' hemmhekk u huma l-pulizija l-ohra marru jduru. Jien ftit wara nnutajt dghajsa diehla u jien issusspettajt li kienet power boat. M'ghaddiex hafna hin, rega' gie hdejja s- Surgent PS 1428 u ahna qghadna nistennew din il- power boat diehla max- xatt. Ahna nnuttajna illi fuq id- dghajsa kien hemm tlett(3) persuni ohra. Ps 1428 ta struzzjonijiet lil dawn it-tlett(3) persuni biex jidhlu, u fil-fatt ftit wara dahlu." "......................................" "Nghid illi dawn it-tlett(3) irgiel l-ohra qieghed naghrafhom prezenti fl- Awla fost l-imputati u li huma l-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci. Nghid illi stante li PS 1428 kien innota li dawn it- tlett (3) irgiel huma u dehlin bil-power boat kienu tefghu xi haga l-bahar, huwa lili kien ordnali biex jein nibqa' fuq il-post." ( F'dan ir-rigward ara ukoll, senjatament, id-deposizzjoni ta' PS 1428 Jesmond Delia-Seduta tal- 21/6/2005 u dik ta' WPS 156 Sonia Parascando- Seduta tas- 17 ta'Awwissu,2005;

(e) :Sejbien ta'remettar gewwa d-dghajsa li fuqha kien hemm l-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci:Hawn il- Qorti sejra ticcita is- segwenti bran mid-deposizzjoni ta' PS 1428 Jesmond Delia – Seduta tal- 21/6/2005: "..................................." " Nghid illi jien kif dhalt fil-parti interna tad-dghajsa isfel innutajt fil-parti ta' quddiem tad-dghajsa kien hemm remettar. Nghid illi r-remettar kien mifrux u nghid illi kien hemm allura

kwantita’ u nghid illi jien allura staqsejt lill- imputat Timothy Gauci dwar dan u hu kien irrispondieni illi hu kien ma jiflahx u hu kien irremetta hu u jien ghidtlu “mela ghandek stonku ta’ baqra biex hawn dan ir-remettar kollu?”. Nixtieq nghid illi din id-domanda kont staqsejtielu kemm meta konna fuq il-post u kif ukoll meta morna l-SAG Ta’ Kandja.” Issir ukoll referenza ghas- segwenti bran mid-deposizzjoni ta’ WPS Sonia Parascandolo – Seduta tas 17/8/2005: “...................nghid illi PS 1428 lili qalli illi gewwa d-dghajsa hemm hafna remettar.”Hawn il- Qorti taghmel referenza ghall- bran mid- deposizzjoni ta’Zheng Minghui - Seduta tat- 2 ta’ Mejju,2005 : “Nghid illi ghall-ewwel ghaxar minuti li konna qeghdin god- dghajsa bdiet miexja bil-mod pero’ imbaghad ziedet hafna fl-ispeed din id-dghajsa u ahna li konna qeghdin gewwa bdejna nispiccaw naqbzu ‘l u ‘l hawn.” Issir ukoll referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta’ Shi Chengyong – Seduta tal- 29/4/2005: “ Nghid illi jien bdejt inhossni mhux tajjeb ghax bdejt inhoss taqlib minhabba l-bahar. Id-dghajsa bdiet miexja bi speed qawwi hafna u jien bdejt inhossni mqalla.”;

(f):Numru ta’ passigieri fid-dghajsa minn Malta u li spiccaw nizlu Sqallija: Hawn il- Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta’ Shi Chengyong-Seduta tad- 29/4/2005: “...................................”“Nghid illi god- dghajsa dan il- vjagg kien hemm iktar minn ghoxrin(20) Ciniz fiha.” Issir ukoll referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta’Lin Changming- Seduta tad-29/4/2005 : “................” “Nghid ahna bhala persuni li tlajna fuq id-dghajsa konna iktar minn ghoxrin”. Il- Qorti taghmel ukoll referenza ghas- segwenti bran mid-deposizzjoni ta’ Zheng Minghui – Seduta tat- 2 /5/2005: “ Nghid gewwa d-dghajsa u fil-parti fejn kont hemm jien jigifieri fil- parti ta’ gewwa tad-dghajsa kien hemm hamsa u ghoxrin (25) passigier u kien hemm nisa fost dawn il-paggiggieri. Nghid illi kienu kollha Cinizi dawn il-hamsa u ghoxrin(25) ruh li semmejt.” (F’dan ir-rigward ara ukoll, senjatament,traduzzjoni tad- deposizzjoni tal- Ispettur Carlo Parini – Seduta tal- 4 ta’ Ottubru 2006 fejn dan ix-xhud,inter alia, isemmi in-numru ta’ Cinizi li nizlu fi Sqallija f’din ic-cirkostanza u gew maqbuda);

(g): numru ta’ persuni li mexxew d-dghajsa: Hawn il- Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta’ Lin Changming – Seduta tad- 29/4/2005: “..............................”. “Kien hemm tlett persuni li kienu qeghdin imexxu d-dghajsa, dawn kienu irgiel.”Dan in-numru jaqbel man-numru tat-tlett imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci li kienu fuq id-dghajsa;

(h): Dati u hinijiet: Fl-ewwel lok il- Qorti taghmel referenza ghas- segwenti bran mid-deposizzjoni ta’ Shi Chengyong – Seduta tad- 29/4/2005:
“...........................................................................................
..........” “ Nghid illi jiena kien minghalijali ahna konna sejrin fl- 1 ta’ Marzu pero’ fil-fatt ahna tlaqna fil- 11 ta’ Marzu ta’ din is- sena.” Hawn issir referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta’ Wang Shengmin – Seduta tad- 29/4/2005: “.......................................................” “Nghid illi ahna wasalna Sqallija ghal habta ta’ l-ghaxra ta’ filghaxija(10pm)” In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, inter alia qal: “.........................” “Nghid illi l-vjagg dam izjed minn siegha. Nghiid illi tlaqna minn Malta madwar it-tmienja ta’ filghaxija (8pm). Jien kelli arlogg fuqi.” (F’dan ir-rigward ara ukoll, senjatament, id-deposizzjoni ta’ PC 1607 George Vella – Seduta tal- 21/6/2005 , dik ta’ Ps 1428 Jesmond Delia – Seduta 21/6/2005 u it-traduzzjoni tad- deposizzjoni tal- Ispettur Carlo Parini – Seduta tal- 4 ta’ Ottubru, 2006);
(i) : Tragit tad- dghajsa: Ara senjatament deposizzjoni tal-espert Martin Bajada – Seduta – Seduta tal- 4 ta’ Ottubru,2006 u Relazzjoni tal-imsemmi espert Martin Bajada- DokMB u deposizzjonijiet tax- xhieda Cinizi li ghamlu l-vjagg.

L-artikolu 33 tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta’ Malta moghti mill- Avukat Generali fin- Nota ta’ Rinviju tieghu datata 30 ta’ Marzu, 2009 liema artikolu inghata fil-konfront tal-imputati kollha jghid:
“33. F’kull procediment taht dan l- Att-
(a) il- prova li xi persuna hija persuna ezenti jew li persuna ma hijiex immigrant projbit skond id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 5(2)(a) hija akkarigu ta’ dik il-persuna;

(b) dokument li juri li huwa ordni ta' tnehhija jew ordni ta' deportazzjoni ghandu jitqies, sakemm ma jigix pruvat kuntrarju, li huwa d-dokument li juri li huwa;
(c) kull ordni maghmul skond dan l-Att ghandu jitqies, sakemm ma jigix pruvat kuntrarju, li sar validament u li gie maghmul fid-data li fih juri li sar."
Is-*short title* ta' dan l-artikolu hu: "Prova u piz tal- prova."
Mill- qari ta' dan l-artikolu jemergi li tali artikolu ma jipprospettax reat u ma' jidhirx li hu rilevanti f'din il- kawza u in kwantu tali il- Qorti qeda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-artikolu moghti mill- Avukat Generali fil- konfront tal-imputati kollha.

Rat fil- konfront tal-imputat Anthony Muscat l-artikolu 32(1)(a) tal- Kapitolu 217 u l-artikoli 20, 23 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tal-provi prodotti u tenut kont senjatament is- suespost issib lill-imputat Anthony Muscat hati tal- akkuza kif moghtija mill- Avukat Generali fl-artikolu 32(1)(a) tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic- cirkostanzi kollha tal- kaz inkluza l-fedina aggiornata tal- imsemmi imputat u l-gravita' ta' din l- akkuza tikkundanna lill- istess imputat Anthony Muscat ghall- piena ta' tmintax (18) il- xahar prigunerija u tlett elef Euro (Euro3000) multa.

Rigward l-akkuza migjuba kontra l-imputat Anthony Muscat kif moghtija mill- Avukat Generali fl-artikolu 28 tal- Kap. 217 tal- Ligijiet ta' Malta, fid-dawl tal-provi prodotti u tenut kont senjatament is-suespost ma ssibx lill- imsemmi imputat Anthony Muscat hati ta' din l-akkuza stante li ma gietx sufficjentement ippruvata u minnha tilliberah.

Rat fil- konfront tal-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci l-artikoli 28 u 32(1)(a) tal- Kapitolu 217 u l-artikoli 17, 20, 23, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta'Malta.

Fid-dawl tal-provi prodotti u tenut kont senjatament is- suespost issib lill-imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci hatja tal- akkuzi kif moghtija mill-

Avukat Generali rispettivament fl-artikoli 28 u 32(1(a) tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal- kaz inkluza l-fedina aggiornata tal-imsemmija imputati u l-gravita' ta dawn l-akkuzi tikkundanna lill- istess imputati Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci ghall- piena komplessiva ta'tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija u hames t'elef Euro (Euro5000) multa kull wiehed.

Il- Qorti, bl-applikazzjoni tal- artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, tordna lill- imsemmija imputati Anthony Muscat, Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci sabiex fi zmien tlett (3) xhur millum ihallsu lir- Registratur tal- Qrati f'ammont ugwali bejniethom is-somma ta' elf, tlett mija u erba' u disghin Euro u hamsa u tletin centezmi ta' Euro (Euro 1394.35) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti u traduttrici.

Finalment il- Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, tordna il- konfiska tal-oggetti esebiti fl-atti ta' din il-kawza rispettivament bhala Dok MSP 9,Dok MSP12, Dok MSP13, Dok MSP14, Dok MSP15, Dok MSP16, Dok MB1,DokMB2, Dok MB3, DokMB4, DokMB5, Dok MB6, Dok MB7, DokMB8, DokMB9, DokMB10,DokMB11, DokMB12 u DokMB13.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------